



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.11.2011
KUMM(2011) 750 finali

2011/0365 (COD) C7-0441/11

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jstabilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ
finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-politiki relatati maż-Żona tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja ilhom jiżiedu fl-importanza natul dawn l-aħħar snin. Dawn il-politiki huma fil-qalba tal-proġett Ewropew biex tinħoloq żona mingħajr fruntieri interni fejn iċ-ċittadini tal-UE u ċittadini minn pajjiżi terzi jistgħu jidħlu, jiċċirkolaw, jgħixu u jaħdmu, iġibu ideat ġodda, kapital, għarfien u innovazzjoni jew jimlew il-lakuni fis-swieq tax-xogħol nazzjonali, kunfidenti li d-drittijiet tagħhom ikunu rispettati bis-sħiħ u s-sigurtà tagħhom assigurata. L-importanza dejjem tikber tal-politiki dwar l-affarijiet interni ġiet ikkonfermata mill-Programm ta' Stokkolma tal-2009,¹ u huwa wkoll wieħed mill-oqsma li raw bidliet importanti bit-Trattat ta' Lisbona.

Fil-qasam tas-Sigurtà Interna, dokumenti importanti bħall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna² pprovdew gwida ċara dwar id-direzzjoni ta' attivitajiet fis-snin li ġejjin. Għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viża, il-Komunikazzjoni dwar il-Migrazzjoni³ iddeskriviet faktar dettall l-isfidi tal-ġejjieni fir-rigward tas-sigurtà tal-fruntieri u l-iżvilupp ta' żona mingħajr fruntieri interni. Il-Komunikazzjoni dwar il-governanza ta' Schengen⁴ ippreżentat proposti biex jissaħħaħ l-acquis ta' Schengen permezz ta' sistema ta' governanza li kapaċi tirrispondi b'mod effettiv, u b'mod f'waqtu u koordinat madwar l-Unjoni, għal ċirkostanzi eċċezzjonali u sfidi li jistgħu jipperikolaw il-funzjonament ġenerali ta' Schengen. Il-Komunikazzjoni dwar il-fruntieri intelliġenti tispjega⁵ kif sistemi ġodda tal-IT bħal sistema ta' Dħul/ħruġ u Programm għall-Vjaġġaturi Registrati jistgħu jikkontribwixxu għal ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji fl-UE.

Komponent ewlieni fis-sistema komuni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri kien l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà tal-UE, li jappoġġjaw l-applikazzjoni uniformi u ta' kwalità għolja tal-istandards tal-UE dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika komuni dwar il-viża. It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva mill-Istati Membri dwar il-kontroll tal-fruntieri permezz tal-Aġenzija Frontex jikkostitwixxi pass importanti lejn l-iżvilupp tas-sistema. Barra minn hekk, permezz tal-Fond għall-Fruntieri Esterni, l-Unjoni tesprimi s-solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni u l-viża.

Il-Programm ta' Stokkolma b'mod espliċitu sejjaħ għall-ħolqien ta' Fond li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna u approċċ koerenti u komprensiv għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, inkluż il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.

F'dan l-isfond, fil-proposta tagħha tad-29 ta' Ġunju 2011 dwar il-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss għall-perjodu 2014-2020⁶, il-Kummissjoni ssuġġeriet li jitwaqqaf Fond għas-Sigurtà Interna, bħala parti minn struttura simplifikata ta' żewġ fondi għall-infiq futur fil-qasam tal-affarijiet interni li tinkludi wkoll il-ħolqien ta' Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil. Il-Fond għas-Sigurtà Interna se jkollu baġit globali ta' EUR 4,648 (fprezzijiet attwali) miljun

¹ ĠU C 115, 4.5.2010, p.1.

² COM(2010) 673 finali.

³ COM(2011) 248 finali.

⁴ COM(2011) 561 finali.

⁵ COM(2011) 680 finali.

⁶ COM(2011) 500 finali.

biex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-ħames objettivi strateġiċi stabbiliti mill-Istrateġija tas-Sigurtà Interna: l-isfaxxar ta' networks tal-kriminalità internazzjonali; il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ; iż-żieda fil-livelli ta' sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċiberspazju; it-tiżiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri; u ż-żieda fir-reżistenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u d-diżastri.

Minħabba l-bażijiet differenti tat-Trattat għall-firxa wiesgħa tal-objettivi strateġiċi li għandhom jiġu koperti, mhuwiex legalment possibbli li jiġi stabbilit Fond għas-Sigurtà Interna bħala strument finanzjarju wieħed. Għalhekk huwa propost li l-Fond jiġi stabbilit bħala qafas finanzjarju komprensiv li jinkludi żewġ proposti speċifiċi għas-settur – li minnhom dan huwa wieħed - ikkumplementat minn strument orizzontali li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni.

L-arkitettura legali hija spjegata f'aktar dettal fit-taqsimha 3.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

F'konformità mal-enfasi akbar imqiegħda fuq l-evalwazzjoni bħala għodda biex ikun infurmat it-tfassil tal-politika, din il-proposta tkun infurmata bir-riżultati tal-evalwazzjoni, il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni tal-impatt.

Ix-xogħol fuq it-tnejn tal-istrumenti finanzjarji futuri għall-affarijiet interni beda fl-2010 u kompli fl-2011. Bħala parti minn dan ix-xogħol preparatorju, f'Diċembru 2010 tnedja studju ta' evalwazzjoni/valutazzjoni tal-impatt bl-għajnuna ta' kuntrattur estern. Dan l-istudju tlesta f'Lulju 2011 u għabar flimkien ir-riżultati tal-evalwazzjoni disponibbli għall-istrumenti finanzjarji eżistenti u informa dwar il-problemi, l-objettivi u l-għażliet tal-politika, inkluż l-impatt probabbli tagħhom, eżaminati fil-valutazzjoni tal-impatt. B'żieda fuq dan l-istudju, il-Kummissjoni ħejjiet rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li fuqu l-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt wassal l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Settembru 2011.

F'konformità mal-enfasi akbar imqiegħed fuq l-evalwazzjoni bħala għodda biex ikun infurmat it-tfassil tal-politika, din il-proposta leġiżlattiva kkunsidrat bis-sħiħ ukoll l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fond għall-Fruntieri Esterni. Fir-rapport tagħha ta' [... Novembru 2011], il-Kummissjoni vvalutat l-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi tal-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu 2007-2009. Ir-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali tal-attivitajiet konkreti mwettqa fl-Istati Membri taħt il-Fond biex itejbu l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u l-ġestjoni tal-viżi fil-livell nazzjonali. Dan jenfasizza partikolarment miżuri mill-Istati Membri fir-rigward ta' sigurtà tad-dokumenti, l-investimenti konsiderevoli li saru biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri għall-aproċċi tal-Mediterran u l-Atlantiku u proġetti pilota dwar il-kontroll awtomatizzat tal-fruntieri u programmi għall-vjaġġaturi rreġistrati.

Meta saret din il-proposta, ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika onlajn iddedikata dwar il-futur tal-finanzjament tal-affarijiet interni⁷, li damet mill-5 ta' Jannar sal-20 ta' Marzu 2011 u li kienet miftuħa għall-partijiet interessati minn ġewwa l-Unjoni u minn pajjiżi terzi, ġew ikkunsidrati kollha. Ġew irċevuti total ta' 115-il tweġiba minn individwi u għan-nom ta'

⁷ Id-dokumenti ta' konsultazzjoni u r-rapport dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tad-DG għall-Affarijiet Interni: http://ec.europa.eu/home-affairs/news/consulting_public/consulting_0020_mt.htm

organizzazzjonijiet, inklużi 8 dokumenti ta' pozzizzjoni. Dawk li wiegħbu mill-Istati Membri kollha kkontribwew għall-konsultazzjoni kif ukoll dawk li wiegħbu minn xi pajjiżi terzi.

F'April 2011, il-konferenza "Il-futur tal-finanzjament tal-UE għall-Affarijiet Interni: Ħarsa mill-ġdid" gābret flimkien partijiet interessati ewlenin (L-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-socjetā ċivili, eċċ) u tathom l-opportunitā li jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-futur tal-finanzjament mill-UE għall-affarijiet interni. Il-konferenza kienet ukoll okkażjoni biex ikun ivvalidat ir-riżultat tal-evalwazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika.

Il-futur tal-finanzjament tal-UE għall-affarijiet interni ġie għall-attenzjoni u diskuss mal-partijiet interessati istituzzjonali f'diversi okkażjonijiet, inkluż f'diskussjoni informali waqt iklā waqt il-Kunsill ĠAI fil-21 ta' Jannar 2011, f'kolazzjon informali mal-koordinaturi politiċi tal-Parlament Ewropew fis-26 ta' Jannar 2011, fis-seduta tal-Kummissarju Malmström quddiem il-Kumitat SURE tal-Parlament fl-10 ta' Marzu 2011 u matul skambju ta' fehmiet bejn id-Direttur Ġenerali tad-DĠ Affarijiet Interni u l-Kumitat LIBE tal-Parlament fis-17 ta' Marzu 2011.

Ġew ipprovduti pariri esperti speċifiċi dwar l-istrumenti finanzjarji futuri fil-qasam tas-Sigurtā Interna permezz ta' diskussjonijiet li seħħew matul il-Konferenza EOS dwar l-Industrija u s-Sigurtā fid-9 ta' Frar 2011 u fil-Kumitat dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil tat-22 ta' Frar 2011. Barra minn hekk, l-aspetti tekniċi marbuta mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju futur fil-qasam tas-Sigurtā Interna ġew diskussi wkoll fuq il-bażi tal-konsultazzjoni bil-miktub f'April 2011 mal-esperti tal-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat komuni għall-Programm Ġenerali dwar il-Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni ("Kumitat SOLID").

Il-konsultazzjonijiet, konferenzi u diskussjonijiet esperti t'hawn fuq ikkonfermaw li hemm qbil ġenerali fost il-partijiet interessati ewlenin dwar il-bżonn li jwessgħu l-ambitu ta' azzjoni għall-finanzjament tal-UE fil-qasam tas-sigurtā interna, inkluż fir-rigward tad-dimensjoni esterna tiegħu, u l-bżonn biex jaħdmu lejn aktar simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' twassil u flessibilitā akbar, b'mod partikolari biex jirrispondu għall-emerġenzi. Sabiex jiżdied il-valur, l-infiq tal-UE għandu jirrifletti aħjar il-prijoritajiet u l-impenji strateġiċi fil-livell tal-UE u għandu jappoġġja l-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni dwar l-affarijiet interni. Fil-qasam tas-sigurtā interna, il-partijiet interessati qiesu li l-prijoritajiet tematiċi wiesgħa digā ġew stabbiliti mill-Programm ta' Stokkolma tal-2009 u l-Istrateġija tas-Sigurtā Interna tal-2010. Mekkaniżmu ta' finanzjament għall-futur għandu għalhekk jiġi definit b'mod komprensiv, li jinkludi l-infurzar tal-liġi, il-gwardji tal-fruntieri u l-komunitajiet doganali. Il-ħtieġa li jsir użu akbar mill-aġenziji relevanti tal-Unjoni, bħall-Europol u l-Frontex ġiet meqjusa bħala importanti wkoll. Kien hemm appoġġ wiesgħa biex jitnaqqas in-numru ta' strumenti finanzjarji għal struttura ta' żewġ Fondi bil-kundizzjoni li dan iwassal għas-simplifikazzjoni. Il-partijiet interessati qablu wkoll dwar il-ħtieġa għal mekkaniżmu flessibbli ta' rispons waqt emerġenza. Il-ġestjoni maqsuma li tersaq lejn programmazzjoni multiannwali kienet ġeneralment meqjusa bħala l-metodu xieraq tal-ġestjoni għall-infiq għall-affarijiet interni. Organizzazzjonijiet mhux governattivi, madankollu, kienu tal-fehma li l-ġestjoni diretta għandha titkomplā wkoll.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Id-dritt għall-azzjoni huwa kkostitwit mill-Artikolu 3 (2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li jiddikjara li "l-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra".

L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata fuq il-bażi tal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 67 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE), li jstabbilixxi l-mezzi li jikkostitwixxu spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Qed tingħbed l-attenzjoni wkoll għall-Artikolu 80 tat-TFUE li jenfasizza li dawn il-politiki tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tagħhom għandhom ikunu rregolati mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu bejn l-Istati Membri.

Il-ħolqien tal-Fond għas-Sigurtà Interna jeħtieġ l-adozzjoni ta' tliet strumenti leġislattivi li flimkien jikkostitwixxu l-Fond. Din l-istruttura globali ntgħażlet fid-dawl tal-obbligi tat-Trattat. Minħabba l-arranġamenti differenti tal-votazzjoni fil-Kunsill skont il-Protokoll 19 (dwar l-acquis ta' Schengen), 21 (il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispażju tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja) u 22 (il-pożizzjoni tad-Danimarka, inkluż fir-rigward tat-Titolu V, parti tlieta tat-Trattat) mhuwix legalment possibbli li titfassal proposta waħda leġislattiva komprensiva għall-Fond għas-Sigurtà Interna, minkejja l-koerenza tal-oġġettivi tal-politika li għandhom jiġu indirizzati.

Għaldaqstant il-Fond għas-Sigurtà Interna nħoloq bħala qafas finanzjarju komprensiv li huwa magħmul minn żewġ atti separati, li jstabbilixxi l-komponenti differenti tal-Fond u li jstabbilixxi l-għanijiet, l-azzjonijiet eliġibbli u l-pakketti għal kull komponent:

- Regolament li jstabilixxi, bħala parti mill-Fond, il-komponent għall-kooperazzjoni tal-pulizija, għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi;
- Regolament li jwaqqaf, bħala parti mill-Fond, il-komponent tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika komuni dwar il-viża;

Fi ħdan il-qafas komprensiv tal-Fond għas-Sigurtà Interna, dan ir-Regolament jiddefinixxi kif xieraq l-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika komuni dwar il-viża.

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu 77 tat-Trattat.

B'mod ġenerali, dan huwa qasam fejn hemm valur miżjud evidenti fl-interventi tal-UE meta mqabbla mal-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. L-Unjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà tal-UE fil-kontroll tal-fruntieri, il-politika dwar il-viża u l-ġestjoni tal-flussi migratorji, u biex tipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT komuni li jsostnu dawn il-politiki. L-appoġġ finanzjarju provdut taħt dan ir-Regolament għalhekk jikkontribwixxi b'mod partikolari biex jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej f'dawk l-oqsma. Għal dak il-għan, ir-Regolament, inter alia jimmira li jappoġġja b'mod aktar sistematiku s-servizzi pprovduti mill-Istati Membri individwali fl-assigurazzjoni taż-żona ħielsa tal-fruntiera ("mekkaniżmu ta' appoġġ operattiv"), biex itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji bejn awtoritajiet tal-fruntieri u oħrajn tal-infurzar tal-liġi u biex jiżdied it-tagħmir speċjalizzat disponibbli fl-Istati Membri li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija Frontex għall-operazzjonijiet konġunti fl-interess

tal-protezzjoni taż-żona ħielsa tal-fruntiera. Madankollu, huwa rikonoxxut bis-sħiħ li l-interventi għandhom isiru fil-livell xieraq u l-irwol tal-UE m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ. Kif ir-Reviżjoni tal-Baġit enfasizzat, il-"baġit tal-UE għandu jintuża sabiex jiffinanzja ġid pubbliku tal-UE, l-azzjonijiet li l-Istati Membri u r-reġjuni ma jistgħux jiffinanzjawhom huma stess, jew fejn jista' jikseb riżultati aħjar"⁸.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta tal-Kummissjoni fuq il-qafas multiannwali li jmiss tinkludi proposta ta' EUR 4,648 miljun (fi prezzijiet attwali) għall-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014-2020. Fi ħdan dan il-pakkett globali, ir-riżorsi disponibbli għall-implimentazzjoni ta' din il-proposta speċifika għas-settur jammontaw għal EUR 3,520 miljun. B'mod indikattiv, madwar 61% ta' dan l-ammont (EUR 2,150 miljun) għandhom jintużaw għal programmi nazzjonali tal-Istati Membri u l-appoġġ għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali implimentata mill-Litwanja, 31% (EUR 1,100 miljun) għandhom ikunu ddedikati għall-iżvilupp tal-pakkett fruntieri intelliġenti u l-bqija għandhom ikunu disponibbli għall-finanzjament ta' azzjonijiet mill-Unjoni, azzjonijiet ta' emerġenza u għajnuna teknika, filwaqt li jittieħdu in kunsiderazzjoni wkoll il-kontribuzzjonijiet mistennija mill-pajjiżi assoċjati ma' Schengen, li jiżdiedu mal-pakkett totali.

EUR miljun

Fond għas-Sigurtà Interna	4,648
<i>inklużi sistemi tal-IT ġodda</i>	
- Strument ta' kooperazzjoni tal-Pulizija	1,128
- Strument tal-fruntiera	3,520

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ġunju tal-2011, il-Kummissjoni pproponiet li twarrab pakkett separat ta' EUR 822 miljun (skont prezzijiet attwali) għall-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira li jinsabu fis-seħħ (is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-Eurodac). Il-ġestjoni ta' dawn is-sistemi se tkun gradwalment trasferita mill-Kummissjoni għall-Aġenzija futura għall-Ġestjoni Operazzjonali ta' Sistemi ta' IT fuq Skala Kbira fiż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (Aġenzija tal-IT) wara li tibda taħdem lejn l-aħħar tal-2012.

5. L-ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-PROPOSTA

5.1. Iffokar fuq prijoritajiet strateġiċi

Billi tistabbilixxi strument għall-appoġġ finanzjarju tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża għall-perjodu 2014-2020, l-Unjoni se tkun tista'

- tappoġġja u ssaħħa il-kapaċitajiet nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-fruntieri u tal-politika dwar il-viża u b'hekk tesprimi s-solidarjetà finanzjarja mal-inkarigi fdati lill-Istati

⁸ "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", COM (2010) 700, 19.10.2010.

Membri individwali fil-fruntieri esterni u fil-konsulati fl-interess taż-żona ħielsa tal-fruntiera bħala servizz pubbliku mogħti lill-Unjoni (programmi nazzjonali, inkluż "appoġġ operattiv");

- tiffinanzja l-iżvilupp tal-pakkett tal-fruntieri intelliġenti, jiġifieri t-twaqqif ta' Sistema ta' Dħul F'ruġ tal-UE (EES) u ta' Programm għall-Vjaġġaturi Registrati tal-UE (RTP);
- tiffinanzja l-introduzzjoni u t-tħaddim tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri, EUROSUR, b'mod partikolari permezz tax-xiri ta' tagħmir, infrastruttura u sistemi fl-Istati Membri;
- issaħħaħ il-governanza Schengen u l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ għall-verifika tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minn (a) il-finanzjament tal-operazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu taħt ġestjoni diretta; (b) l-introduzzjoni ta' kundizzjonalitajiet ibbażati skont l-acquis ta' Schengen għad-diżborsament tal-appoġġ operattiv għall-Istati Membri u (c) li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jallokaw (mill-ġdid) riżorsi li jkunu rċevew għal programmi taħt dan l-istrument bi prijorià biex jiġu rimedjati nuqqasijiet jekk dawn ikunu ġew identifikati fil-mekkaniżmu;
- jittejjeb il-potenzjal operattiv tal-Aġenzija Frontex billi l-Istati Membri jkunu mistiedna jallokaw riżorsi addizzjonali taħt il-programmi tagħhom għal tagħmir speċjalizzat li jista' jittiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija għall-operazzjonijiet konġunti tagħha;
- tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-Unjoni fl-UE, fi u ma' pajjiżi terzi taħt "azzjonijiet tal-Unjoni", biex b'hekk tittejjeb il-ġestjoni globali tal-flussi migratorji lejn l-Unjoni (proġetti ġestiti jew direttament, bħal studji jew proġetti pilota biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, jew indirettament, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju⁹;
- ikollha riżorsi adegwati faċilment disponibbli biex ttipprovdi assistenza ta' emerġenza f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja urġenti jew eċċezzjonali;
- tkompli tappoġġja l-funzjonament tal-Iskema ta' Transitu Speċifika għal-Litwanja, skont l-obbligi tal-UE¹⁰, ttiprovdi appoġġ sabiex tikkumpensa għal miżati mitlufa minn viżi ta' transitu u spejjeż addizzjonali mġarrba mil-Litwanja fl-implimentazzjoni tal-iskema tad-Dokument ta' Transitu Faċilitat (FTD) u d-Dokument ta' Transitu Ferrovjarju Faċilitat (FRTD), bħas-sostituzzjoni u t-titjib ta' tagħmir, sistemi tal-IT, spejjeż tat-taħriġ u operattivi.

L-istrument se jippermetti appoġġ komprensiv tal-mudell ta' kontroll tal-aċċess ta' erba' livelli li jissottolinja l-kunċett ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri (il-miżuri f'pajjiżi terzi, il-

⁹ Il-proposta tal-Kummissjoni – Ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (COM(2010)815 finali tal-22.12.2010). Din il-proposta hija rtirar formali mill-Kummissjoni ta' proposti leġislativi preċedenti (COM(2010)71 finali u COM(2010)260 finali).

¹⁰ Skont il-Protokoll 5 għat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Litwanja, għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar id-Dokument ta' Tranżitu Ffaċilitat (FTD) u d-Dokument ta' Tranżitu Ferrovjarju Ffaċilitat (FRTD) (ĠU L 99, 17.4.2003, p.8; ĠU L 99, 17.4.2003, p.15), l-UE hija responsabbli għall-ispejjeż addizzjonali tal-Iskema u tikkumpensa lil-Litwanja li ma timponix miżati meta toħroġ id-dokumenti kkonċernati għaċ-ċittadini Russi fi tranżitu mill-UE għal u mir-reġjun ta' Kaliningrad.

kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien, il-kontroll tal-fruntieri u l-miżuri fiż-żona ta' moviment liberu).

5.2. Riżorsi għas-sistemi tal-IT u l-pakkatt tal-fruntieri intelliġenti

Taħt il-programmi nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-allokkazzjonijiet tagħhom sabiex jappoġġjaw il-ġestjoni u fejn xieraq, it-titjib ta' komponenti nazzjonali tas-sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira.

L-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-IT futuri f'dan il-qasam se jkunu koperti minn dan l-istrument. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar il-fruntieri intelliġenti, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tippreżenta proposti għal Sistema ta' Dħul Ħruġ tal-Unjoni (EES) u Programm għall-Vjaġġaturi Registrati tal-Unjoni (RTP) fl-ewwel nofs tal-2012. Konsegwentement, taħt dan l-istrument huwa previst li jiġi stabbilit programm tal-infiq speċifiku biss għall-iżvilupp ta' SEAE u RTP.

L-ispiża tkun tinkludi mhux biss il-komponenti ċentrali (livell tal-UE) iżda wkoll il-komponenti nazzjonali (Stati Membri) ta' dawn is-sistemi tal-IT, fi ħdan ir-riżorsi disponibbli.

L-ispiża tal-iżvilupp ta' sistemi ċentrali u nazzjonali għall-EES u l-RTP ġiet stmata bejn madwar 1 u 1.3 biljun EUR, skont l-għażliet. Iffrankar tal-ispejjeż sinifikanti jista' jintlaħaq jekk l-għażla preferuta tal-EES tkun mibnija flimkien (jiġifieri fuq l-istess pjattaforma teknika) bl-għażla preferuta tal-RTP¹¹. Fuq il-bażi ta' dawn is-suppożizzjonijiet u fid-dawl tal-fatt li l-iżvilupp se jibda biss mill-2015, huwa propost li jiġu mwarrba 1.1 biljun EUR għal dawn iż-żewġ sistemi taħt din il-proposta, mingħajr preġudizzju għall-proposti futuri mill-Kummissjoni dwar il-pakkett tal-fruntieri intelliġenti u d-deċiżjoni sussegwenti tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-Kummissjoni bi ħsiebha tagħti x-xogħol ta' implimentazzjoni ta' dan il-programm lill-Aġenzija għal Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill¹². Dan ir-Regolament f'dan il-każ jiġi emendata fi żmien xieraq biex jinkludi x-xogħol speċifikament fil-missjoni tal-Aġenzija u l-ammonti rilevanti tas-sussidju tal-Aġenzija jingħataw mill-appropriazzjonijiet operattivi tal-programm.

5.3. Riżorsi għall-programmi nazzjonali

Il-prattika attwali taħt il-Fondi tal-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji tal-iffissar tal-kriterji għall-allokkazzjonijiet li l-Istati Membri se jirċievu għall-perjodu kollu ta' 7 snin fil-bidu tal-perjodu tiżgura kontinwità u ċertu grad ta' prevedibbiltà. Madankollu, huwa essenzjalment approċċ statiku li ma jinċentivax l-Istati Membri biex jimplimentaw l-azzjonijiet li jirrispondu għall-prijoritajiet tal-Unjoni u ma jippermettix li l-UE tirreaġixxi għal sitwazzjonijiet li qed jinbidlu u prijoritajiet permezz ta' riallokkazzjonijiet sinifikanti u konċentrati tar-riżorsi. Il-mekkaniżmu magħżul għad-distribuzzjoni u l-implimentazzjoni tar-riżorsi taħt il-Fondi futuri għandu għalhekk jirrikonċilja l-bżonn għall-kontinwità u l-istabbiltà, bħala kundizzjoni preliminari għal programmazzjoni multiannwali soda, minn naħa waħda, u l-ħtieġa għal aktar flessibbiltà u adattament għall-bidla fuq in-naħa l-oħra.

¹¹ Anness dwar spejjeż stmati tas-sistemi - COM(2011)680 finali

¹² ĠU L 286, 1.11.2011, p.1

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-allokkazzjoni tal-finanzjament taħt ġestjoni kondiviża hija bbażata fuq taħlita ta':

- Ammont bażiku allokat lill-Istati Membri fil-bidu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) li jmiss;
- Ammont flessibbli li għandu jiżdied mal-ammont bażiku, allokat f'żewġ fażijiet.

L-ammont bażiku huwa allokat lill-Istati Membri fil-bidu tal-MFF li jmiss u kkalkulat fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u l-ħtiġijiet. Huwa 60% tal-pakkett totali għall-programmi u l-allokkazzjonijiet huma stabbiliti għal kull Stat Membru fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Huma bbażati fuq il-kalkoli 2010-2012 taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni, filwaqt li jinkorporaw ammont minimu għal kull Stat Membru. Dan se jiżgura xi kontinwità mal-MFF attwali u l-Istati Membri jingħataw l-istabbiltà finanzjarja biex jipplanaw il-programmi multiannwali nazzjonali.

- L-ammont flessibbli se jkun miżjud mal-ammont bażiku skont ir-rieda ta' kull Stat Membru li jiffinanzja taħt il-programm nazzjonali tiegħu azzjonijiet li jirrispondu għal prijoritajiet speċifiċi tal-Unjoni. Dawn l-azzjonijiet speċifiċi huma definiti fl-Anness II u jistgħu jiġu emendati. Fil-prinċipju, ikun allokat f'żewġ fażijiet: fil-bidu tal-MFF, bħala parti mid-djalogu tal-politika u n-negozjati dwar il-programmi nazzjonali tal-Istati Membri rilevanti, u waqt reviżjoni ta' nofs it-terminu fl-2017.

Din ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tkun l-okkażjoni li ssir eżaminazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u biex jiġu allokat i riżorsi ġodda għas-snin li jifdal tal-MFF (2018-2020). Għal dan ir-Regolament, ir-reviżjoni f'nofs it-terminu se tkun ibbażata fuq taħlita ta' valutazzjonijiet ta' riskju li jħarsu 'l quddiem u prijoritajiet tal-Unjoni, kif definiti mill-ġdid mill-Unjoni. Minħabba li l-ammonti bażiċi għall-Istati Membri ġew determinati abbażi tad-dejta storika fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, aġġornament ikun xieraq. Dawn il-valutazzjonijiet tar-riskju/ħtiġijiet jistgħu jsiru bl-għajnuna tal-Aġenzija Frontex. L-Istati Membri li, fuq il-bażi ta' dawn il-valutazzjonijiet, għandhom aktar ħtiġijiet jew jiffaċċjaw aktar riskji ser jirċievu ammont addizzjonali, b'hekk jingħata espressjoni tanġibbli għall-prinċipju ta' solidarjetà u kondiviżjoni tar-responsabbiltà.

5.4. Azzjonijiet f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom

Fir-rigward tad-dimensjoni esterna f'dan il-qasam, ikun hemm appoġġ immirat sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u jissaħħu ċerti aspetti ewlenin tas-sorveljanza fil-fruntieri u l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tagħhom fl-oqsma ta' interess għall-politika dwar il-migrazzjoni tal-Unjoni u l-oġġettivi ta' sigurtà interna tal-Unjoni. Pereżempju, fil-qafas tal-EUROSUR, jista' jkun hemm id-disponibbiltà ta' fondi biex tinħoloq konnessjoni bejn is-sistemi u l-infrastrutturi ta' pajjiżi terzi ma' dawk tal-UE sabiex ikun jista' jsir skambju regolari ta' informazzjoni. Dawn l-azzjonijiet m'għandhomx ikunu orjentati direttament lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, kif xieraq, l-assistenza finanzjara provduta permezz tal-istrumenti tal-għajnuna esterna tal-Unjoni, li jibqgħu is-sors ewlieni tal-finanzjament li jgħin lill-pajjiżi terzi sabiex jibnu l-kapaċitajiet rilevanti tagħhom. Fl-implimentazzjoni ta' dan l-appoġġ, se titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-oġġettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika barranija relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. Se tiġi żgurata l-kumplimentarjetà permezz ta' koordinazzjoni mtejba mas-SEAE u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni.

Dawn l-azzjonijiet se jiġu ġestiti direttament mill-Kummissjoni jew indirettament, minn entitajiet jew persuni oħra għajr l-Istati Membri f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

5.5. Aġenziji tal-Unjoni

Sabiex tuża b'mod aktar effettiv il-kompetenza u l-għarfien espert ta' aġenziji rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-affarijiet interni, il-Kummissjoni tipprevedi wkoll li tagħmel użu mill-possibbiltà offruta mir-Regolament Finanzjarju li tafda, fi ħdan ir-riżorsi disponibbli taħt dan ir-Regolament, l-implimentazzjoni ta' kompiti speċifiċi lil dawn l-aġenziji, fil-qafas tal-missjonijiet tagħhom u b'mod komplementari mal-programmi tax-xogħol tagħhom. Għall-kompiti koperti minn dan ir-Regolament dan jikkonċerna b'mod partikolari:

- l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Aġenzija Frontex), għal attivitajiet fl-Unjoni u barra minnha li jirrikjedu għarfien espert operattiv dwar il-kontroll fil-fruntieri;
- l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil (EASO), għal attivitajiet bħat-taħriġ dwar l-ażil indirizzati lill-għassiesa tal-fruntieri;
- l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) fid-dawl tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ma' għassiesa tal-fruntieri;
- l-Aġenzija għall-Ġestjoni Operattiva ta' sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (Aġenzija tal-IT) safejn huwa kkonċernat l-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni¹⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-oġġettiv tal-Unjoni li tiżgura livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta saffi li għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u l-ittrattar tal-immigrazzjoni illegali.
- (2) L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE, adottata mill-Kunsill fi Frar 2010¹⁵, tikkostitwixxi aġenda kondiviża biex jiġu ttrattati dawn l-isfidi komuni għas-sigurtà. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2010 "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni"¹⁶ tittraduċi l-prinċipji tal-istrateġija u l-linji gwida f'azzjonijiet konkreti billi jiġu identifikati ħames oġġettivi strateġiċi: l-isfaxxar tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali, sabiex issir prevenzjoni tat-terroriżmu u jkunu indirizzati r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, biex jogħlew il-livelli ta' sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċyberspazju, biex tissaħħaħ is-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri u biex tiżdied ir-reżistenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u d-diżastri.

¹³ ĠU C , , p. .

¹⁴ ĠU C , , p. .

¹⁵ Dok. tal-Kunsill 7120/10.

¹⁶ COM(2010)673 finali.

- (3) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-ċarezza dwar id-diviżjoni tal-inkarigi, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt kif ukoll enfasi qawwija fuq il-perspettiva globali u r-rabta inseparabbli mas-sigurtà esterna huma prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna.
- (4) Sabiex issir promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna u biex jiġi żgurat li din issir realtà operattiva, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu pprovduti b'appoġġ finanzjarju tal-UE adegwat bit-twaqqif ta' Fond għas-Sigurtà Interna.;
- (5) Minħabba l-partikolarijiet legali applikabbli għat-Titolu V tat-Trattat, mhuwiex legalment possibbli li l-Fond għas-Sigurtà Interna jiġi stabbilit bħala strument finanzjarju wieħed.
- (6) Il-Fond għandu għalhekk jiġi stabbilit bħala qafas komprensiv għall-appoġġ finanzjarju tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna li jinkludi l-istrument stabbilit minn dan ir-Regolament kif ukoll l-istrumenti stabbiliti mir-Regolament ... / 2012/UE li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi. Dan il-qafas komprensiv għandu jiġi kkumplimentat mir-Regolament ... / 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi¹⁷ li dan ir-Regolament għandu jirreferi għalih fir-rigward tar-regoli dwar il-programmazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-ġestjoni u l-kontroll, is-saldu tal-kontijiet, l-għeluq ta' programmi u r-rappurtar u l-evalwazzjoni.
- (7) Is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u l-Unjoni fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni huwa wieħed mill-ħames komponenti tal-politika komuni għall-ġestjoni għall-fruntieri esterni.
- (8) Il-Fond għas-Sigurtà Interna għandu jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati Membri li japplikaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni kif ukoll lil dawk li qed jippreparaw għall-parteciċipazzjoni sħiħa.
- (9) Il-parteciċipazzjoni minn Stat Membru m'għandiex tikkoinċidi mal-parteciċipazzjoni tiegħu fi strument finanzjarju temporanju tal-Unjoni li jappoġġja lill-Istati Membri benefiċjarji fl-iffinanzjar inter alia ta' azzjonijiet fi fruntieri esterni ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen dwar il-kontroll tal-fruntieri u tal-viża u tal-fruntieri esterni.
- (10) Il-parti tal-Fond relatata mal-fruntieri esterni u l-viża (minn hawn iżjed 'il quddiem "l-istrument") għandha tibni fuq il-proċess ta' bini tal-kapaċità żviluppat bl-għajnuna tal-Fond għall-Fruntieri Esterni stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 574/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ u testendih sabiex iqis żviluppi ġodda.

¹⁷ [ĠU L ... għandu jimtela]

¹⁸ ĠU L144, 6.6.2007, p.22

- (11) Fl-eżekuzzjoni ta' inkarigi fil-fruntieri esterni u l-konsulati skont l-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża, l-Istati Membri jwettqu attivitajiet fl-interess ta' u fisem l-Istati Membri l-oħra kollha fiż-żona Schengen u għalhekk jagħmlu servizz pubbliku għall-Unjoni. Biex jesprimi solidarjetà, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-kontroll tal-fruntieri u l-politika dwar il-viża u jippermetti li l-Istati Membri sistematikament iżommu kapaċitajiet kruċjali għal dak is-servizz għal kulħadd. Tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' għażla ta' spejjeż relatati mal-oġettivi taħt dan l-istrument u se jiffirma parti integrali mill-programmi nazzjonali.
- (12) Dan l-istrument għandu jikkomplimenta u jsaħħaħ l-attivitajiet imwettqa biex tiġi żviluppata l-kooperazzjoni operattiva taħt il-patroċinju tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 (minn hawn iżjed 'il quddiem "l-Aġenzija Frontex")¹⁹, inklużi l-attivitajiet ġodda li jirriżultaw mir-Regolament [...] ²⁰ emendat, u b'hekk ikompli jsaħħaħ is-solarjetà bejn dawk l-Istati Membri li jikkontrollaw il-fruntieri esterni fl-interess u fisem iż-żona Schengen kollha.
- (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (14) Biex jiġi żgurat kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu fost il-fruntieri esterni fil-qafas tal-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE, għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri, li tinkludi l-miżuri kollha dwar il-politika, il-leġislazzjoni, il-kooperazzjoni sistematika, id-distribuzzjoni tal-piż, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħudin fl-ivvjaġġar differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ma' terzi pajjiżi u, fejn meħtieġ, ma' atturi oħra, bl-użu, inter alia, tal-mudell ta' sigurtà tal-fruntieri tal-erba' livelli u l-analiżi tar-riskju integrat tal-Unjoni Ewropea.
- (15) Skont il-Protokoll Nru 5 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003²¹ dwar it-transitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa, l-Istrument għandu jagħmel tajjeb għal kull spiża addizzjonali li ssir fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-acquis tal-Unjoni li tkpori t-tali transit, jiġifieri ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 tal-14 ta' April 2003 li jstabbilixxi Dokument speċifiku ta' Transitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Transitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni²² u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni u Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Transitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Transitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003²³. Il-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju kontinwu għal ħlasijiet mitlufa, madankollu, għandha tkun dipendenti fuq ir-reġim tal-viża tal-UE fis-seħħ mal-Federazzjoni Russa.

¹⁹ ĠU L 349, 25.11.2004, p.1

²⁰ ĠU għandu jimtela

²¹ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 946.

²² ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8

²³ ĠU L 99, 17.4.2003, p. 15

- (16) Għandu jinkludi l-appoġġ għall-miżuri nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viża u attivitajiet oħra ta' qabel il-fruntieri li jsiru qabel il-kontrolli tal-fruntieri esterni. Il-ġestjoni effiċjenti ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b' bosta livelli li għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u tittratta l-immigrazzjoni irregolari fl-Unjoni Ewropea, u tikkostitwixxi parti integrali mis-sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri.
- (17) Barra dan, għandha tappoġġja miżuri fit-territorju bħala parti mill-iżvilupp ta' sistema komuni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri li ssaħħa il-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen.
- (18) Dan l-istrument għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea ta' sistemi tal-IT li jarmaw l-Istati Membri bl-għodod biex jiġġestixxu l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri b' mod aktar effiċjenti u biex jiżguraw identifikazzjoni u verifika aħjar tal-vjaġġaturi ("fruntieri intelliġenti"). B'dan il-għan, għandu jiġi stabbilit programm li l-għan tiegħu huwa li jkopri l-ispejjeż għall-iżvilupp kemm tal-komponenti ċentrali kif ukoll dawk nazzjonali ta' dan it-tip ta' sistemi, li jiżgura konsistenza teknika, iffrankar u implimentazzjoni bla xkiel fl-Istati Membri.
- (19) Sabiex tiġi indirizzata pressjoni migratorja mhux prevista u theddid għas-sigurtà tal-fruntieri għandu jkun possibbli li tiġi provduta assistenza ta' emerġenza f'konformità mal-qafas stabbilit fir-Regolament ... 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u għieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi.
- (20) Barra minn hekk, fl-interess tas-solidarjetà msaħħa fiż-żona Schengen b' mod sħiħ, meta jiġu identifikati nuqqasijiet jew theddid possibbli, b' mod partikolari wara evalwazzjoni ta' Schengen, l-Istat Membru kkonċernat għandu jsegwihom b' mod adegwat bl-użu tar-riżorsi taħt il-programmi tiegħu skont il-prijorità, fejn applikabbli, fejn jikkomplimenta l-azzjonijiet ta' emerġenza.
- (21) Biex tissaħħa is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, għandhom ikunu mħeġġa li jużaw parti mir-riżorsi disponibbli taħt il-programmi għall-prijoritajiet speċifiċi definiti mill-UE, bħax-xiri ta' tagħmir tekniku meħtieġ mill-Aġenzija Frontex u l- iżvilupp tal-kooperazzjoni konsulari għall-Unjoni.
- (22) Sabiex tiġi salvagwardjata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fiż-żona Schengen kollha, l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex tkun ivverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen²⁴ għandha tkun appoġġata wkoll taħt dan ir-Regolament, bħala għodda essenzjali li takkumpanja l-politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni;
- (23) Fid-dawl tal-esperjenzi miksuba mill-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-iżvilupp tas-SIS u l-VIS, huwa meqjus xieraq li tkun permessa l-flessibbiltà rigward it-trasferimenti

²⁴ COM(2011) 559 finali.

possibbli ta' riżorsi bejn il-mezzi differenti ta' implimentazzjoni tal-obiettivi segwiti taħt dan l-istrument, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li tiġi żgurata mill-bidu massa kritika u stabbiltà finanzjarja għall-programmi u l-appoġġ operattiv għall-Istati Membri.

- (24) Bl-istess mod, l-ambitu tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, meta u sakemm jinħolqu l-ħtiġijiet. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex titkompla l-politika u l-applikazzjoni tagħha, miżuri jew arranġamenti fil-pajjiżi terzi li jindirizzaw il-pressjonijiet migratorji minn dawk il-pajjiżi fl-interess tal-ġestjoni ottimali tal-flussi migratorji fl-UE u organizzazzjoni effiċjenti tal-inkarigi relatati fil- fruntieri esterni u l-konsulati.
- (25) Miżuri fpajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz ta' dan l-Istrument għandhom jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-UE appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-obiettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-ġhajjnuna esterna. Se tiġi żgurata wkoll il-koerenza mal-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza.
- (26) Il-finanzjament mill-baġit tal-UE għandu jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-UE jista' jagħti valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri biss. Peress li l-Unjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà tal-UE fil-kontroll tal-fruntieri, il-politika dwar il-viża u l-ġestjoni tal-flussi migratorji, u biex tipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT komuni li jsostnu dawn il-politiki, l-appoġġ finanzjarju pprovdut taħt dan ir-Regolament jikkontribwixxi b'mod partikolari biex isaħħaħ il-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej f'dawk l-oqsma.
- (27) Sabiex jiġu supplimentati jew emendati dispożizzjonijiet f'dan l-istrument fir-rigward tad-definizzajoni ta' azzjonijiet speċifiċi taħt il-programmi nazzjonali, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jingħata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.
- (28) Il-Kummissjoni, meta tkun qed tfejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (29) Sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi, effiċjenti u f'waqtha tad-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ operattiv stabbilit f'dan ir-Regolament u sabiex jiġi stabbilit il-qafas għall-programm dwar is-sistemi ġodda tal-IT, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont

ir-Regolament (UE) Nru 182/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni²⁵.

- (30) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprovdi għal emendi għar-regoli eżistenti tal-Unjoni dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera, ma jistax jintlaħaq tajjeb mill-Istati Membri u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dawk li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġettiv.
- (31) Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu 2007-2013²⁶ għandha tiġi mħassra.
- (32) Rigward l-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqa' fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen²⁷.
- (33) Rigward l-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din tal-aħħar fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim²⁸.
- (34) Rigward Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità ta' Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/KE dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Protokoll²⁹.
- (35) Taħt il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' "miżuri li

²⁵ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

²⁶ ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22

²⁷ ĠU L 176 of 10.7.1999, p. 31.

²⁸ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

²⁹ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19

jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini għandhom ikunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri relatati ma' format uniformi għall-viżi". Din il-proposta tibni fuq l-acquis ta' Schengen, u skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda fuq proposta jew inizjattiva li tibni fuq l-acquis ta' Schengen skont id-Dispożizzjonijiet tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jekk tkunx se timplimenta dan ir-Regolament fil-liġi nazzjonali tagħha.

- (36) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/926/KE sussegwenti tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar id-dħul b'effett ta' partijiet tal-acquis ta' Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. Ir-Renju Unit għaldaqstant mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhux marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu.
- (37) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen. Għalhekk l-Irlanda mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

ADOTTOW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Għan u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża (minn issa iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Istrument") bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna (minn hawn iżjed 'il quddiem "il-Fond").

Flimkien mar-Regolament ... / 2012/UE li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi, dan ir-Regolament jistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 Diċembru 2020 il-Fond għas-Sigurtà Interna.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi

- (a) l-objettivi tal-appoġġ finanzjarju u l-azzjonijiet eliġibbli;
 - (b) il-qafas ġenerali għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet eliġibbli;
 - (c) ir-riżorsi disponibbli taħt dan l-istrument mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 u d-distribuzzjoni tagħhom;
 - (d) l-ambitu u l-għan tal-mezzi speċifiċi differenti li permezz tagħhom l-infiq għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża jkun iffinanzjat.
3. Dan ir-Regolament jipprovdi għall-applikazzjoni tar-regoli stipulati fir-Regolament (UE) Nru ..2012/UE [ir-Regolament Orizzontali].

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'fruntieri esterni' tfisser il-fruntieri tal-art tal-Istati Membri, inklużi l-fruntieri tax-xmajjar u l-lagi, il-fruntieri tal-baħar u l-ajruporti tagħhom, il-portijiet tax-xmajjar, il-portijiet tal-baħar u l-portijiet tal-lagi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-qsim tal-fruntieri esterni, kemm jekk dawn il-fruntieri jkunux temporanji jew le;
- (b) 'fruntieri esterni temporanji' tfisser
 - il-fruntiera komuni bejn Stat Membru li jkun qed jimplementa b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen u Stat Membru marbut li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, f'konformità mal-Att tal-Adeżjoni tiegħu, iżda fejn id-Deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill li tawtorizzah japplika b'mod sħiħ dak l-acquis ma tkunx daħlet fis-seħħ;
 - il-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri marbuta li japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, f'konformità mal-Atti tal-Adeżjoni rispettivi tagħom, iżda fejn id-Deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill li tawtorizzahom biex japplikaw b'mod sħiħ dak l-acquis tkun għadha ma daħlitx fis-seħħ;
- (c) 'punt tal-qsim tal-fruntiera' tfisser kwalunkwe punt tal-qsim awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti għall-qsim tal-fruntieri esterni kif notifikat skont l-Artikolu 34 (2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006;
- (d) 'mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen" tfisser il-verifika tal-applikazzjoni korretta tal-acquis ta' Schengen kif stabbilit fir-Regolament No ... /2012/UE³⁰ [X];

³⁰ COM(2011) 559 finali.

- (e) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fejn numru kbir ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jaqsmu jew ikunu mistennija li jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

Artikolu 3

Objettivi

1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex jiżgura livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni Ewropea.
2. Fi ħdan l-objettiv ġenerali stabbilit fl-ewwel paragrafu, l-Istrument għandu jikkontribwixxi - skont il-prijoritajiet definiti fl-Istrateġija, programmi valutazzjonijiet tat-treddid u tar-riskju relevanti tal-UE - għal dawn l-objettivi speċifiċi:
 - (a) l-appoġġ għal politika komuni dwar il-viża għall-iffaċilitar tal-ivjaġġar leġittimu, l-iżgurar tat-trattament ugwali ta' ċittadini minn pajjiżi terzi u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, in-numru ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew imtejjba biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet dwar il-viżi u jipprovdu kwalità ta' servizz għall-applikanti għall-viżi.

- (b) l-appoġġ ta' ġestjoni għall-fruntieri, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontroll tal-fruntieri u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni fil-korrispondenza mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna.

3. Sabiex jinkisbu dawn l-objettivi, l-istrument għandu jikkontribwixxi għall-objettivi operattivi li ġejjin:
 - (a) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, it-twettag ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni;
 - (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji bejn awtoritajiet tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni tal-identità;
 - (c) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira, inkluża l-kooperazzjoni konsulari;

- (d) it-twaqqif u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u tagħmir li jappoġġja l-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni;
 - (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri u l-viża, inkluż il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' Schengen;
 - (f) it-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward.
4. Dan l-istrument għandu jikkontribwixxi wkoll għall-iffinanzjar ta' assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Artikolu 4

Azzjonijiet eliġibbli

1. Fi ħdan l-oġġettivi definiti fl-Artikolu 3, u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu politiku kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Ir-Regolament Orizzontali], l-Istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fi jew mill-Istati Membri u b'mod partikolari dan li ġej:
 - (a) l-infrastrutturi, il-bini u s-sistemi tal-qsim tal-fruntieri meħtieġa f'punti tal-qsim tal-fruntieri u għas-sorveljanza bejn punti tal-qsim tal-fruntieri u l-indirizzar effettiv ta' qsim illegali tal-fruntieri esterni;
 - (b) it-tagħmir operattiv, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv tal-fruntieri u t-tisjib ta' persuni, bħal terminali fissi għall-VIS, SIS u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO), inkluż teknoloġija avvanzata;
 - (c) sistemi tal-IT għall-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri;
 - (d) l-infrastrutturi, il-bini u t-tagħmir operattiv meħtieġ għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viżi u l-kooperazzjoni konsulari;
 - (e) studji, proġetti pilota u azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE.
2. Fi ħdan l-oġġettivi definiti fl-Artikolu 3, dan l-istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fir-rigward ta' u fil-pajjiżi terzi u b'mod partikolari dan li ġej:
 - (a) sistemi tal-informazzjoni, għodod jew tagħmir għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn Stati Membri u pajjiżi terzi;

- (b) azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni operattiva bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi operazzjonijiet konġunti;
 - (c) studji, avvenimenti, taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jipprovdu kompetenza teknika u operattiva lill-pajjiżi terzi;
 - (d) studji, avvenimenti, taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE f'pajjiżi terzi.
3. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (a) mhumiex eliġibbli fil-fruntieri esterni temporanji.
4. L-azzjonijiet marbuta mal-introduzzjoni mill-ġdid temporanja u eċċezzjonali ta' kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri interni kif imsemmija fid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen mhumiex eliġibbli.

KAPITOLU II

QAFAS FINANZJARJU U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 5

Riżorsi globali u implimentazzjoni

1. Ir-riżorsi globali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu EUR 3,520 miljun.
2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju.
3. Ir-riżorsi globali għandhom jiġu implimentati bil-mezzi li ġejjin:
 - (a) programmi nazzjonali, skont l-Artikoli 9 u 12;
 - (b) appoġġ operattiv, fil-qafas tal-programmi nazzjonali u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10;
 - (c) il-funzjonament tal-Iskema ta' Transitu Speċjali, skont l-Artikolu 11;
 - (d) azzjonijiet tal-Unjoni, skont l-Artikolu 13;
 - (e) assistenza ta' emerġenza, skont l-Artikolu 14;
 - (f) L-implimentazzjoni ta' programm għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15;

(g) assistenza teknika skont l-Artikolu 16.

4. Il-baġit allokat taħt dan l-istrument għandu jiġi implimentat taħt ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 55 (1) (b) tar-Regolament (UE) Nru ... /2012 [Ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid], bl-eċċezzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 13, l-azzjonijiet ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 14 u l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 16 (1).

Il-metodu(i) ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda għandhom jiġu stabbiliti fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 15(2).

5. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw kif ġej:

(a) EUR 2,000 miljun għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;

(b) EUR 1,100 miljun għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15(2);

(c) EUR 150 miljun għall-Iskema ta' Transitu Speċjali;

(d) EUR 270 miljun għall-azzjonijiet tal-Unjoni, l-assistenza ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni.

6. Flimkien mar-riżorsi globali stabbiliti għar-Regolament Nru ... / 2012/UE li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi, ir-riżorsi globali disponibbli għal dan ir-Regolament kif stabbiliti fil-paragrafu 1, jikkostitwixxu l-pakkett finanzjarju għall-Fond għas-Sigurtà Interna u jservu bħala r-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali fis-sens tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja soda³¹.

7. Il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen għandhom jipparteċipaw fl-istrument skont dan ir-Regolament.

8. Għandhom jiġu konklużi arranġamenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawn il-pajjiżi għal dan l-istrument u r-regoli supplimentari meħtieġa għat-tali parteċipazzjoni, inklużi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u s-setgħa tal-verifika tal-Qorti tal-Awdituri.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawn il-pajjiżi għandhom jiżdiedu mar-riżorsi globali disponibbli mill-baġit tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1.

³¹ COM(2011) 403 finali.

Artikolu 6

Riżorsi għall-azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. EUR 2,000 miljun għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri kif ġej:
 - (a) EUR 1,200 miljun, kif indikat fl-Anness I;
 - (b) EUR 450 miljun, ibbażati fuq ir-riżultati tal-mekkaniżmu deskritt fl-Artikolu 7;
 - (c) Fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu u għall-perjodu mis-sena baġitarja 2018, EUR 350 miljun, il-bqija tal-appropriazzjonijiet disponibbli taħt dan l-Artikolu jew ammont ieħor, kif determinat skont il-paragrafu 2, ibbażati fuq ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju u l-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 8.
2. Biex tindirizza b'mod xieraq l-oġettivi taħt dan ir-Regolament fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti jew ġodda u/jew biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-finanzjament disponibbli taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 biex taġġusta l-ammont stabbilit fil-paragrafu 1(c).
3. L-Istati Membri li jidħlu fl-Unjoni fil-perjodu 2012-2020 m'għandhomx jibbenefikaw mill-allokkazzjonijiet għall-programmi nazzjonali taħt dan l-istrument sakemm dawn jibbenefikaw minn istrument temporanju tal-Unjoni li jappoġġja lill-Istati Membri benefiċjarji biex jiffinanzjaw azzjonijiet fi fruntieri esterni ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

Artikolu 7

Riżorsi għall-azzjonijiet speċifiċi

1. L-Istati Membri jistgħu, minbarra l-allokkazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-paragrafu 6(1)(b), jirċievu ammont addizzjonali, sakemm ikun allokati bħala tali fil-programm u għandu jintuża biex jinkisbu azzjonijiet speċifiċi elenkati fl-Anness II.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 17 għar-reviżjoni tal-Anness II, jekk jitqies xieraq. Fuq il-bażi tal-azzjonijiet speċifiċi ġodda, l-Istati Membri jistgħu jirċievu ammont addizzjonali kif stipulat fil-paragrafu 1, bla ħsara għar-riżorsi disponibbli.
3. L-ammonti addizzjonali taħt dan l-Artikolu għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri kkonċernati fid-deċiżjoni ta' finanzjament individwali li tapprova jew tirveddi l-programm nazzjonali tagħhom skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru ... /2012 [Ir-Regolament Orizzontali].

Artikolu 8

Riżorsi fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu

1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jstabbilixxi l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ta' theddid se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq it-theddid li effettwa s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien.

Ir-rapport għandu jiddetermina l-livell ta' theddid għal kull sezzjoni tal-fruntiera esterna billi jiġi mmultiplikata it-tul tas-sezzjoni tal-fruntiera kkonċernata mal-piż mogħti lilha kif ġej:

- (a) fruntiera esterna tal-art:
 - (i) fattur 1 għal theddid normali
 - (ii) fattur 3 għal theddid medju
 - (iii) fattur 5 għal theddid għoli;
- (b) fruntiera esterna marittima:
 - (i) fattur 1 għal theddid normali
 - (ii) fattur 3 għal theddid medju
 - (iii) fattur 5 għal theddid għoli.

Fuq il-bażi tar-rapport, il-Kummissjoni għandha tiddetermina liema Stati Membri se jirċievu l-ammont addizzjonali. Dawk l-Istati Membri li għandhom livell ta' theddid akbar meta mqabbel mal-livell ta' theddid stabbilit għall-kalkolu magħmula għas-sena tal-baġit 2013 taħt id-Deċiżjoni 574/2007/KE ser jirċievu riżorsi addizzjonali pro rata.

2. Għall-fini tad-distribuzzjoni tar-riżorsi taħt il-paragrafu 1
 - (a) il-linja bejn iż-żoni msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 866/2004 tad-29 ta' April 2004 rigward regime taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll No 10 tal-Att ta' Adeżjoni, għalkemm ma tikkostitwix fruntiera esterna fuq l-art, sakemm jibqgħu applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 10 dwar Ċipru fl-Att ta' Adeżjoni 2003, iżda l'ebda kont ma jiġi meħud tat-tul tal-fruntiera marittima fit-Tramuntana ta' dik il-linja;
 - (b) il-fruntieri marittimi esterni għandhom ifissru l-limitu estern tal-baħar territorjali tal-Istati Membri kif definit skont l-Artikoli 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Madankollu, f'każijiet fejn ikunu meħtieġa operazzjonijiet ta' medda twila fuq bażi regolari sabiex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari/dħul illegali, dan għandu jkun il-limitu estern ta' żoni ta' theddid għoli. Dan għandu jkun determinat billi titqies id-dejta rilevanti dwar

dawn l-operazzjonijiet fl-2014-2016 kif ipprovdut mill-Istati Membri inkwistjoni.

3. Barra minn hekk, wara stedina mill-Kummissjoni sal-1 ta' Ġunju 2017, l-Istati Membri jistgħu jirċievu allokazzjoni addizzjonali, sakemm tkun allokata bħala tali fil-programm u għandha tintuża biex jinkisbu l-azzjonijiet speċifiċi li jridu jiġu stabbiliti fid-dawl tal-prijoritajiet tal-Unjoni f'dak iż-żmien.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 għar-reviżjoni tal-prijoritajiet speċifiċi tal-UE.

4. L-ammonti addizzjonali taħt dan l-Artikolu għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri kkonċernati fid-deċiżjoni ta' finanzjament individwali li tapprova jew tirrevedi l-programm nazzjonali tagħhom skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru ... /2012 [Ir-Regolament Orizzontali].

Artikolu 9

II-Programmi nazzjonali

1. Il-programm nazzjonali li għandu jiġi ppreparat taħt dan l-Istrument u dawk li għandhom jiġu ppreparati taħt ir-Regolament Nru .../2012/UE li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-għieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi għandhom isiru b'mod konġunt mill-Istati Membri u proposti lill-Kummissjoni bħala programm nazzjonali wieħed għall-Fond u skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru .../2012/UE [ir-Regolament Orizzontali].
2. Taħt il-programmi nazzjonali, li għandhom jiġu eżaminati u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru ... /2012 [Ir-Regolament Orizzontali], l-Istati Membri għandhom isegwu b'mod partikolari l-oġettivi li ġejjin:
 - (a) l-iżvilupp ta' Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) skont il-leġiżlazzjoni u l-linji gwida tal-Unjoni;
 - (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, filwaqt li jitqiesu inter alia teknoloġija ġdida, żviluppi u/jew standards fir-rigward tal-ġestjoni tal-flussi migratorji;
 - (c) l-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni tal-flussi migratorji minn servizzi konsulari u oħrajn tal-Istat Membru f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jkun iffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu lejn u ssir prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari fl-Unjoni;
 - (d) it-tisħiħ tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri bl-ittestjar u l-introduzzjoni ta' għodod ġodda, sistemi interoperabbli u metodi ta' ħidma li jimmiraw li jsaħħu l-iskambju ta' informazzjoni fl-Istat Membru jew li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji;
 - (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni korretta u uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-fruntieri u l-viża b'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fil-livell

Ewropew, kif muri biċ-ċar fir-riżultati stabbiliti fil-qafas tal-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni ta' Schengen;

- (f) iż-żieda tal-kapaċità biex ikunu ffaċċjati l-isfidi li ġejjin inkluż theddid preżenti u futur u l-perssonijiet fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, filwaqt li b'mod partikolari jitqies l-analiżi tar-riskju tal-Frontex.

Artikolu 10

Appoġġ operattiv taħt il-programmi nazzjonali tal-Istati Membri

1. Stat Membru jista' juża sa 50% tal-ammont allokat taħt dan l-istrument għall-programm nazzjonali tiegħu biex jiffinanzja l-appoġġ operattiv lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għat-twettiq tal-inkarigi u s-servizzi li jikkostitwixxu servizz pubbliku għall-Unjoni. Dawn jirrelataw ma' wieħed jew aktar mill-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3(2) (a), (c) u (d).
2. L-appoġġ operattiv għandu jiġi pprovdut biss meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti mill-Istat Membru kkonċernat:
 - (a) konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar il-fruntieri u l-viża;
 - (b) konformità ma' standards u linji gwida tal-UE għall-governanza tajba fuq il-fruntieri u l-viża, b'mod partikolari l-katalogu ta' Schengen għall-kontroll tal-fruntieri esterni, il-Manwal Prattiku għall-gwardji tal-fruntieri u l-Manwal dwar il-viża.
3. Għal dak il-għan, qabel l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni tal-linja bażi fl-Istati Membri li jkunu indikaw l-intenzjoni tagħhom li jitolbu appoġġ operattiv.

Is-sejbiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu s-suġġett ta' skambju ta' fehmiet mal-Istat Membru kkonċernat.

Wara dan l-iskambju ta' fehmiet, l-aċċettazzjoni ta' appoġġ baġitarju fil-programm nazzjonali ta' Stat Membru tista' ssir kondizzjonali fuq l-ipprogrammar u t-tlestija ta' numru ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 jintlaħqu bis-sħiħ saż-żmien meta l-appoġġ baġitarju jiġi pprovdut.

4. L-appoġġ operattiv għandu jkun iffokat fuq karigi speċifiċi u/jew servizzi u għandu jkun iffokat fuq l-għanijiet stabbiliti fl-Anness III. Dan għandu jinkludi rimbors sħiħ tal-infiq li jirriżulta mit-twettiq tad-dmirijiet u/jew servizzi definiti fil-programm nazzjonali, fi ħdan il-limiti finanzjarji stabbilit mill-programm u l-limitu stabbilit fil-paragrafu 1.
5. L-appoġġ operattiv għandu jkun is-suġġett ta' monitoraġġ u skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-linja bażi fl-Istat Membru, l-oġġettivi u l-miri li għandhom jintlaħqu u l-indikaturi li jkejlu l-progress.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, proċeduri ta' rappurtar dwar l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u kwalunkwe arranġamenti prattiċi oħra, li għandhom isiru bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jikkonformaw ma' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 11

Appoġġ operattiv għall-Iskema ta' Transitu Speċjali

1. Dan l-istrument għandu jipprovdi appoġġ biex jikkompensa għall-ħlasijiet mitlufa mill-viżi maħruġa għall-fini tal-ispejjeż tat-transitu u addizzjonali li jkunu saru fl-implimentazzjoni tal-iskema tad-Dokument ta' Transitu Faċilitat (FTD) u d-Dokument ta' Transitu Ferrovarju Faċilitat (FRTD) skont ir-Regolament (KE) Nru 693/2003 u Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003.
2. Ir-riżorsi allokatil lil-Litwanja għal dan l-iskop m'għandhomx jaqbu EUR 150 miljun għall-perjodu 2014-2020 u għandhom isiru disponibbli bħala appoġġ operattiv speċifiku addizzjonali għal-Litwanja.
3. Għall-fini tal-paragrafu 1, spejjeż addizzjonali tfisser spejjeż li jirriżultaw direttament mir-rekwiżiti speċifiċi tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni tal-iskema ta' transitu speċjali u li ma jkunux iġġenerati minħabba l-ħruġ ta' viżi għall-fini ta' transitu jew skopijiet oħra.

It-tipi li ġejjin ta' spejjeż addizzjonali għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

- (a) investiment f'infrastrutturi;
 - (b) taħriġ ta' persunal li jimplementa l-iskema ta' transitu speċjali;
 - (c) spejjeż operattivi addizzjonali, inklużi s-salarji tal-persunal li speċifikament jimplementa l-iskema ta' transitu speċjali.
4. Il-ħlasijiet mitlufa msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-livell tal-ħlasijiet tal-viża u r-rinunzji tal-ħlas tal-viża stabbiliti bil-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa, fil-qafas finanzjarju stabbilit fil-paragrafu 2.
 5. Il-Kummissjoni u l-Litwanja għandhom jirrevedu l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu fil-każ ta' bidliet li jkollhom impatt fuq l-eżistenza u/jew il-funzjonament tal-Iskema ta' Transitu Speċjali.
 6. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, proċeduri ta' rappurtar dwar l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u kwalunkwe arranġament prattiku finanzjarju u oħrajn li jsiru bejn il-Litwanja u l-Kummissjoni biex jikkonformaw ma' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).
 7. Biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-Iskema ta' Transitu speċjali l-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti speċifiċi ta' ħlas interim li jidderogaw

mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru ... /2012 [Ir-Regolament Orizzontali].

Artikolu 12

Programmazzjoni konformi mar-riżultati tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen

Wara rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen, kif adottat skont ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, l-Istat Membru kkonċernat għandu jeżamina, flimkien mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, fejn xieraq, kif jiġu indirizzati s-sejbiet u jimplementa r-rakkomandazzjonijiet fil-qafas tal-programm nazzjonali tiegħu.

Fejn meħtieġ, Stat Membru għandu jirrevedi l-programm nazzjonali tiegħu biex iqis is-sejbiet u rakkomandazzjonijiet.

Fi djalogu mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, fejn xieraq, hu għandu jalloka mill-ġdid ir-riżorsi taħt il-programm tiegħu, inkluż, fejn meħtieġ, dawk programmati għall-appoġġ operattiv, u/jew jintroduċi jew jemenda azzjonijiet li għandhom l-għan li jirrimedjaw għannuqqasijiet skont is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen.

Artikolu 13

Azzjonijiet tal-Unjoni

1. Fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, dan l-istrument jista' jintuża biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni ('azzjonijiet tal-Unjoni') rigward l-oġġettivi ġenerali u operazzjonali speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3 u l-operat ta' dan l-istrument.
2. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet Unjoni għandhom b'mod partikolari jsegwu l-oġġettivi li ġejjin:
 - (a) jappoġġjaw il-miżuri preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' appoġġ amministrattiv u tekniku, ta' evalwazzjoni, ta' verifika u ta' kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politiki appoġġjati mill-Istrument, inkluż għall-implimentazzjoni tal-governanza ta' Schengen kif determinat mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru ... dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex tkun ivverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;
 - (b) itejbu l-għarfien u fehim tas-sitwazzjoni prevalenti fl-Istati Membri permezz ta' analiżi, evalwazzjoni u monitoraġġ mill-qrib tal-politiki;
 - (c) jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod u metodi statistiċi u indikaturi komuni;

- (d) jappoġġjaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni fl-Istati Membri, u jevalwaw l-effikaċja u l-impatt tagħhom;
 - (e) jippromwovu n-networking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba u approċċi innovattivi fil-livell Ewropew;
 - (f) iżidu l-għarfien dwar il-politiki u l-oġġettivi tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;
 - (g) iqawwu l-kapaċità tan-netwerks Ewropej biex jippromwovu, jappoġġjaw u jiżviluppaw aktar il-politiki u l-oġġettivi tal-Unjoni;
 - (h) jappoġġjaw proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi u/jew teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibbiltà lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw proġetti ta' riċerka;
 - (i) jappoġġjaw azzjonijiet fir-rigward ta' u fil-pajjiżi terzi kif imsemmija fl-Artikolu 4(2).
3. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu implimentati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru./2012 [ir-Regolament Orizzontali].

Artikolu 14

Assistenza ta' emerġenza

1. L-Istrument għandu jipprovdi assistenza finanzjarja biex ikunu indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza kif definit fil-punt (e) tal-Artikolu 2.
2. L-assistenza ta' emerġenza għandha tiġi implimentata skont il-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [ir-Regolament Orizzontali].

Artikolu 15

L-istabbiliment ta' programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda

1. L-ammont allokati għall-programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda li jiġġestixxi l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri huwa stabbilit għal EUR 1,100 miljun. Il-programm għandu jiġi implimentat skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni li tiddefinixxi s-sistemi tal-IT ġodda u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom bil-għan, b'mod partikolari, li tittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll ta' flussi ta' ivvjaġġar fil-fruntieri esterni billi jissaħħu l-kontrolli filwaqt li jsir aktar mgħaġġel il-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi regolari.
2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm. Għandha tadotta qafas strateġiku multiannwali li għandu jinkludi

- (a) l-azzjonijiet prinċipali li għandhom jitwettqu;
- (b) analiżi tal-ammonti tal-baġit bis-snin baġitarji;
- (c) l-iskedarju taż-żmien għall-implimentazzjoni;
- (d) il-metodi ta' ġestjoni li għandhom jintużaw mill-azzjonijiet ewlenin imwettqa.
L-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati
 - direttament mill-Kummissjoni jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi
 - indirettament minn entitajiet u persuni oħra għajr l-Istati Membri skont l-Artikolu [57] tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid]

L-azzjonijiet ewlenin li jridu jitwettqu għandhom ikopru b'mod partikolari, l-iżvilupp u l-ittestjar tal-komponent ċentrali u tal-applikazzjonijiet komuni għall-komponenti nazzjonali tas-sistemi, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn komponenti ċentrali u nazzjonali, il-koordinazzjoni sabiex jitqiegħdu f'operazzjoni, u l-ġestjoni tas-sigurtà tas-sistemi.

Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-qafas strateġiku u kwalunkwe reviżjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 16

Assistenza teknika

1. Fuq inizzjattiva u/jew f'isem il-Kummissjoni, l-istrument jista' annwalment jikkontribwixxi sa EUR 1.7 miljun għall-assistenza teknika għall-Fond għas-Sigurtà Interna skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Ir-Regolament Orizzontali].
2. Fuq inizzjattiva ta' Stat Membru, l-istrument jista' jikkontribwixxi sa 5% tal-ammont totali allokati lill-Istat Membru għall-assistenza teknika taħt il-programm nazzjonali skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Ir-Regolament Orizzontali].

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 17

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija konferita lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemija f'dan ir-Regolament għandha tkun mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod ta'citu għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħat imsemija f'dan ir-Regolament tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Malli hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 18

Il-proċedura tal-komitat tal-Istrumenti tal-Kejl

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Komitat komuni 'Ażil, Migrazzjoni u Sigurtà' stabbilit mill-Artikolu 55(1) tar-Regolament UE Nru/2012 [Ir-Regolament Orizzontali].
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 19

L-applikabbiltà tar-Regolament (UE) Nru/2012 [Ir-Regolament Orizzontali]

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru .../2012/UE [ir-Regolament Orizzontali] għandhom japplikaw għal dan l-Istrument.

Artikolu 20

Revoka

Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għandha tiġi revokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 21

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti u l-programmi annwali sal-għeluq tagħhom jew l-assistenza finanzjarja approvata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni Nru 574/2007 KE jew kwalunkwe leġislazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.
2. Meta jiġu adottati deċiżjonijiet dwar il-kofinanzjament taħt dan l-Istrument, il-Kummissjoni għandha tqis il-miżuri adottati fuq il-bażi tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE qabel [*id-data tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali*] li jkollhom riperkussjonijiet finanzjarji matul il-perjodu kopert minn dak il-kofinanzjament.
3. Is-somom iddedikati għall-kofinanzjament approvati mill-Kummissjoni bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013 li għalihom id-dokumenti meħtieġa għall-għeluq tal-azzjonijiet ma jkunux intbagħtu lill-Kummissjoni sad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali għandhom jiġu diżimpenjati awtomatikament mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2017, filwaqt li jagħtu lok għall-ħlas lura ta' ammonti mħallsin indebitament.
4. L-ammonti relatati mal-azzjonijiet li jkunu ġew sospiżi minħabba l-proċedimenti legali jew l-appelli amministrattivi b'effett ta' sospensjoni m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-ammont tad-diżimpenn awtomatiku.

Artikolu 21

Reviżjoni

Fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2020.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih ikun ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I**Ammonti li jikkostitwixxu l-bażi għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri**

Stat Membru	Ammont minimu	Medja tal-persentaġġ 2010-2012	Distribuzzjoni fuq il-bażi tal-persentaġġ	Ammont Totali
Awstrija	5.000.000	0,82%	8.699.674	13.699.674
Belġju	5.000.000	1,13%	11.886.638	16.886.638
Bulgarija	5.000.000	3,18%	33.578.849	38.578.849
Ċipru	5.000.000	1,76%	18.521.213	23.521.213
Repubblika Ċeka	5.000.000	0,84%	8.907.377	13.907.377
Id-Danimarka	5.000.000	0,48%	5.053.171	10.053.171
Estonja	5.000.000	1,51%	15.933.661	20.933.661
Finlandja	5.000.000	2,87%	30.320.668	35.320.668
Franza	5.000.000	7,20%	75.956.454	80.956.454
Ġermanja	5.000.000	4,21%	44.390.681	49.390.681
Greċja	5.000.000	14,56%	153.636.854	158.636.854
Ungerija	5.000.000	3,22%	34.018.515	39.018.515
Islanda	5.000.000	0,03%	310.455	5.310.455
L-Italja	5.000.000	13,62%	143.660.373	148.660.373
Latvja	5.000.000	0,95%	9.989.974	14.989.974
Litwanja*	5.000.000	1,77%	18.709.058	23.709.058
Lussemburgu	5.000.000	0,04%	379.909	5.379.909
Malta	5.000.000	3,43%	36.173.227	41.173.227
Il-Pajjiżi l-Baxxi	5.000.000	2,30%	24.315.326	29.315.326
Norveġja	5.000.000	0,84%	8.846.929	13.846.929
Polonja	5.000.000	3,97%	41.883.809	46.883.809
Portugall	5.000.000	1,25%	13.197.565	18.197.565
Rumanija	5.000.000	5,05%	53.313.864	58.313.864
Slovakkja	5.000.000	0,46%	4.835.168	9.835.168
Slovenja	5.000.000	2,31%	24.371.875	29.371.875
Spanja	5.000.000	17,13%	180.746.396	185.746.396
Svezja	5.000.000	0,59%	6.189.272	11.189.272
Svizzera	5.000.000	1,25%	13.216.801	18.216.801
Kroazja	5.000.000	3,22%	33.956.244	38.956.244
Total	145.000.000	100%	1.055.000.000	1.200.000.000

Anness II
Lista ta' azzjonijiet speċifiċi

1. It-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni konsulari bejn tal-inqas żewġ Stati Membri li jirriżultaw f'ekonomiji ta' skala fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-ħruġ ta' viżi fil-konsulati skont il-prinċipji dwar il-kooperazzjoni stabbiliti fil-Kodiċi dwar il-Viżi, inkluż iċ-ċentri ta' applikazzjoni għall-viża komuni.
2. Ix-xiri ta' mezzi tat-trasport u tagħmir operattiv li huma meqjusa neċessarji għat-tmexxija ta' operazzjonijiet konġunti mill-Aġenzija Frontex, skont l-linji gwida maħruġa minn din l-Aġenzija

ANNEX III

Objettivi għall-appoġġ operattiv fi ħdan il-programmi nazzjonali

Objettiv 1: il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, it-twettiq ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni

- operazzjonijiet
- spiża tal-personal
- spejjeż tas-servizz, bħall-manutenzjoni u t-tiswija
- titjib / tibdil tat-tagħmir
- proprjetà immobbli (deprezzament, rinnovament)

Objettiv 2: il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza b'permanenza qasira, inkluż kooperazzjoni konsulari

- operazzjonijiet
- spiża tal-personal
- spejjeż tas-servizz, bħall-manutenzjoni u t-tiswija
- titjib / tibdil tat-tagħmir
- proprjetà immobbli (deprezzament, rinnovament)

Objettiv 3: it-twaqqif u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u tagħmir ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni

- ġestjoni operattiva ta' SIS, VIS u sistema ġodda mwaqqfa fil-perjodu
- spiża tal-personal
- spejjeż tas-servizz, bħall-manutenzjoni u t-tiswija
- infrastruttura ta' komunikazzjoni u kwistjonijiet relatati mas-sigurtà
- titjib / tibdil tat-tagħmir
- kiri ta' bini sikur u/jew rinnovament

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma politiċi konċernati fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previsti

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u intestatura/i tal-baġit tal-infiq affettwati
- 3.2. Stima tal-impatt fuq l-infiq
 - 3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq l-infiq
 - 3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi
 - 3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
 - 3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti
 - 3.2.5. Parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament
- 3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Komunikazzjoni "Il-Bini ta' Ewropa miftuħa u sikura: il-baġit tal-affarijiet interni għall-2014-2020";

Proposta għal Regolament li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi;

Proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi;

Proposta għal Regolament li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża.

1.2. Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura tal-ABM/ABB³²

Attwalment Intestatura 3, Titolu 18 - L-Affarijiet Interni

Perspettivi Finanzjarji Multiannwali Futuri: Intestatura 3 (Sigurtà u ċittadinanza) - "Sigurtà Interna"

Natura tal-proposta/inizjattiva

- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida** (finanzjament tal-affarijiet interni għall-perjodu 2014-2020)
- Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**³³
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**
- Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.3. Objettivi

1.3.1. L-objettiv(i) strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirati mill-proposta/inizjattiva

Dawn il-politiki huma fil-qalba tal-proġett Ewropew biex tinħoloq żona mingħajr fruntieri interni fejn iċ-ċittadini tal-UE u ċittadini minn pajjiżi terzi jistgħu jidħlu, jiċċirkolaw, jgħixu u jaħdmu, iġibu ideat ġodda, kapital, għarfien u innovazzjoni jew jimlew il-lakuni fis-swieq tax-xogħol nazzjonali, kunfidenti li d-drittijiet tagħhom ikunu rispettati bis-sħiħ u s-sigurtà tagħhom assicurata. Il-kooperazzjoni ma'

³² ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività)– ABB: Activity-Based Budgeting (Ibbaġitar Ibbażat fuq l-Attività).

³³ Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

pajjiżi li mhumiex parti mill-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali hija kruċjali biex jinskibu dawn l-għanijiet.

L-importanza dejjem tikber ta' politiki dwar affarijiet interni ġiet ikkonfermata mill-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, li l-implimentazzjoni tiegħu hija prijorità strateġika għall-Unjoni u jkopri oqsma bħall-migrazzjoni (il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni; l-ażil; il-migrazzjoni irregolari u r-ritorn), is-sigurtà (il-prevenzjoni ta' u l-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; il-kooperazzjoni tal-pulizija) u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni (inkluż il-politika dwar il-visa), kif ukoll id-dimensjoni esterna ta' dawn il-politiki. It-Trattat ta' Lisbona jippermetti wkoll li l-Unjoni turi ambizzjoni akbar fir-rispons għat-tħassib ta' kuljum taċ-ċittadini fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Prijoritajiet ta' politiki tal-affarijiet interni, b'mod partikolari l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, għandhom jidhru ukoll fil-kuntest tas-seba' inizjattivi ewlenin ippreżentati fl-Istrateġija Ewropa 2020 li jimmiraw sabiex jgħinu lill-UE sabiex tegħleb il-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u tikseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Il-Fond għas-Sigurtà Interna se jipprovdu l-assistenza finanzjarja meħtieġa sabiex jaqilbu l-oġettivi tal-affarijiet interni tal-Unjoni f' riżultati tanġibbli.

1.3.2. *Objettiv(i) speċifiċi u attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernati*

IL-FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA

L-Istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-għieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi

Skont il-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, il-programmi, ul-valutazzjonijiet tat-tħeddid u tar-riskju relevanti tal-Unjoni, l-Istrument se jikkontribwixxi għall-oġettivi speċifiċi li ġejjin

- (a) il-prevenzjoni u l-għieda transkonfinali kontra l-kriminalità serja u organizzata inkluż it-terroriżmu, u t-tiżiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mal-awtoritajiet relevanti ta' pajjiżi terzi;
- (b) it-tiżiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri u l-Unjoni għall-ġestjoni effettiva ta' riskji u kriżi relatati mas-sigurtà, u t-tħejjija għal u l-ħarsien ta' persuni u infrastrutturi kritiċi kontra attakki terroristi u inċidenti oħra relatati mas-sigurtà.

Attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernati: 18.05

Strument għal appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża

Skont il-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, il-programmi, ul-valutazzjonijiet tat-tħeddid u tar-riskju relevanti tal-UE, l-Istrument se jikkontribwixxi għall-oġettivi speċifiċi li ġejjin

- (a) l-appoġġ għal politika komuni dwar il-viża għall-iffaċilitar tal-ivjaġġar leġittimu, l-iżgurar tat-trattament ugwali ta' ċittadini minn pajjiżi terzi u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari
- (b) l-appoġġ ta' ġestjoni għall-fruntieri, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandha jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi ta' mira.

L-effetti tal-proposta fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira jiġu deskritti f'aktar dettall fit-Taqsima 4.1.2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

B'mod ġenerali, is-simplifikazzjoni introdotta fil-livelli kollha tal-proċess ta' finanzjament u f'kull metodi ta' ġestjoni se jkollha benefiċċju ċar fuq il-proċessi li taħtom l-appoġġ finanzjarju se jiġi ġestit.

Il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi

Il-benefiċjarji ewlenin tal-appoġġ finanzjarju se jkunu l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom kif ukoll kwalunkwe awtorità oħra speċjalizzata fil-protezzjoni ta' infrastruttura kritika u l-ġestjoni tal-kriżi, iżda anke Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Mhux Governattivi rilevanti, fejn xieraq (eż. fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, politiki kontra r-radikalizzazzjoni u kontra t-traffikar).

Il-grupp fil-mira li jibbenefika mit-tibdil ikun il-popolazzjoni kollha.

Il-kisbiet ewlenin ikunu 1) kapaċità amministrattiva u operattiva mtejba ta' Stati Membri sabiex jiskopru u jħarrku b'suċċess il-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu sabiex jitnaqqas it-theddid relatat mas-sigurtà li jirriżulta minn din il-kriminalità, u 2) reżistenza Ewropea aktar qawwija għall-kriżi u d-diżastru minħabba politika tal-UE aktar koerenti dwar il-ġestjoni tar-riskju li torbot il-valutazzjonijiet tat-theddid u r-riskju mat-tfassil tal-politika min-naħa l-waħda u rispons tal-UE aktar effettiv u koordinat għall-kriżi li jorbot kapaċitajiet eżistenti u għarfien espert min-naħa l-oħra. Kisba importanti se tkun ukoll kapaċitajiet imtejba ta' Stati Membri sabiex jipprevjenu, iħejju u jipproteġu persuni u infrastruttura kritika kontra attakki terroristiċi u theddid ieħor serju relatat mas-sigurtà.

Fruntieri esterni u l-viża

Il-benefiċjarji ewlenin tal-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri u l-viża se jkunu s-servizzi li jimplementaw l-acquis tal-UE, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-Kodiċi dwar il-Viża fl-Istati Membri: l-għassiesa tal-fruntieri, il-pulizija u servizzi konsulari. Il-grupp fil-mira li jibbenefika mit-tibdil ikun il-vjaġġaturi - il-persuni kollha li qed jaqsmu l-fruntieri esterni fl-UE. Ir-riżultati se jinkludu l-kapaċitajiet imtejba ta' dawn is-servizzi (1) sabiex titwettag sorveljanza fil-fruntieri u ssir komunikazzjoni ma' servizzi oħra tal-infurzar tal-liġi, fi ħdan il-qafas tas-sistema Ewropea ta' Sorveljanza (EUROSUR); (2) sabiex jiġu ġestiti flussi migratorji f'uffiċċji konsulari (applikazzjonijiet tal-viża) u (3) sabiex tiġi mtejba l-ġestjoni ta' flussi ta' passiġġieri fil-punti tal-qsim tal-fruntieri, li jiżgura min-naħa l-waħda, livell għoli u uniformi ta' protezzjoni, f'kooperazzjoni ma' servizzi oħra tal-infurzar tal-liġi, u min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel f'konformità mal-acquis u l-prinċipji ta' trattament b'rispett u dinjità. Riżultat speċifiku importanti jkun l-istabbiliment ta' żewġ sistema ġodda tal-IT tal-UE dwar il-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (sistema ta' dħul ħruġ fl-UE u programm ta' vjaġġaturi rreġistrati tal-UE).

1.3.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Minħabba fil-ħtieġa li jitwettaq djalogu dwar il-politika qabel ma jiġu definiti l-programmi nazzjonali, mhuwiex possibbli li f'dan l-istadju jiġi stabbilit is-sett definittiv ta' indikaturi li se jintużaw sabiex titkejjel il-kisba tal-oġġettivi speċifiċi imsemmija hawn fuq. Madankollu

- fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, indikaturi għandhom jinkludu numru ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti u n-numru ta' dokumenti u avvenimenti għall-aħjar prattiki organizzati. Indikaturi għall-ġestjoni tal-kriżi u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika għandha tinkludi n-numru ta' għododd implimentati u/jew aġġornati u mtejjba għall-iffaċilitar tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika minn Stati Membri fis-setturi kollha tal-ekonomija u n-numru ta' valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju fil-livell tal-Unjoni.

- fl-oqsma tal-fruntieri u viżi indikaturi jistgħu jinkludu numru ta' postijiet konulari mgħammra, siguri u/jew imsaħħa biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet għall-viżi u biex jipprovdu kwalità ta' servizz għall-applikanti tal-viżi, u l-iżvilupp ta' tgħamir għall-kontroll tal-fruntieri u l-qbid ta' ċittadini irregolari minn pajjiżi terzi fil-funtiera esterna f'korrispondenza mar-riskju tat-taqsima rilevanti tal-fruntiera esterna. Indikaturi tal-impatt se jkejlu ż-żieda fis-sigurtà tal-fruntieri, il-kapaċità tal-ħruġ tal-viża u l-kapaċità li jiġi ġestit b'mod sikur u bla xkiel it-traffiku ta' vjaġġaturi min-naħa għall-oħra tal-fruntieri.

1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jintlaħqu fuq perjodu ta' żmien qasir jew twil

L-UE se tkompli tiffaċċja sfidi importanti fil-qasam tal-affarijiet interni fil-perjodu 2014-2020.

L-iżgurar ta' ambjent protett u sigur huma meħtieġ u ta' benefiċċju għat-tkabbir ekonomiku, kulturali u soċjali tal-UE. L-UE għandha rwol deċiżiv, kemm jekk huwa dak li tindirizza t-theddid ta' kriminalità serja u organizzata, taċ-ċiberkriminalità u t-terroriżmu, u kemm jekk dak li tiżgura l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE jew billi tirreaġixxi malajr għal kriżijiet emerġenti kkawżati minn diżastri naturali jew li jġib b'idejha il-bniedem. Fl-era tal-globalizzazzjoni, fejn it-theddid qiegħed jiżdied u fejn aktar ma jmur aktar qiegħed ikollu dimensjoni tranżnazzjonali, l-ebda Stat Membru ma jista' jirreaġixxi b'mod effettiv għal rasu. Hemm bżonn ta' tweġiba Ewropea koerenti u komprensiva sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jaħdmu b'mod effettiv transkonfinalment u bejn il-ġurisdizzjonijiet.

Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex parti mill-Unjoni Ewropea u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali hija kruċjali biex jinskibu dawn l-għanijiet. L-avvenimenti li seħħew dan l-aħħar fl-Afrika ta' Fuq urew kemm huwa importanti li l-UE jkollha approċċ komprensiv u koordinat fir-rigward tal-migrazzjoni, il-fruntieri u s-sigurtà. Għaldaqstant, id-dimensjoni esterna tal-politiki tal-UE dwar l-affarijiet interni, li kull ma jmur aktar qegħdin isiru importanti, għandha tissaħħaħ b'koerenza sħiħa mal-politika barranija tal-Unjoni.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-ġestjoni tal-flussi migratorji u tat-theddid fuq is-sigurtà tippreżenta sfidi li ma jistgħux jiġu indirizzati mill-Istati Membri għal rashom. Dawn huma oqsma fejn il-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-UE tagħti valur miżjud ovvjw.

Ċerti Stati Membri qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni partikolarment kbira, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom u t-tul tal-fruntieri esterni tal-Unjoni li hija fir-responsabbiltà tagħhom li jamministrawhom. L-abolizzjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni għandha tkun akkumpanjata minn miżuri għall-kontroll u s-sorveljanza effettivi tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kodivizzjoni ekwa tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri jinsab fil-qalba tal-politiki komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-fruntieri esterni. Il-baġit tal-UE jipprovi l-mezzi għall-indirizzar tal-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dan il-prinċipju. Fil-qasam tas-sigurtà, aktar ma jmur, il-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu u theddid ieħor relatat mas-sigurtà aktar qegħdin isiru ta' natura transkonfinali. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tranżnazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma essenzjali biex din il-kriminalità tiġà miġġielda u ostakolata b'suċċess, pereżempju permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, investigazzjonijiet konġunti, teknoloġiji interoperabbli u valutazzjonijiet komuni tat-theddid u r-riskji.

L-indirizzar tal-flussi migratorji, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u s-sigurtà tal-UE jirrekjedu riżorsi u kapaċitajiet essenzjali min-naħa tal-Istati Membri. It-titjib fil-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni operazzjonali li jinvolvu l-kondivizzjoni ta' riżorsi f'oqsma bħat-taħriġ u t-tagħmir joħloq ekonomiji tal-kobor u sinerġiji li jiżguraw użu aktar effiċjenti ta' fondi pubbliċi u t-tisħiħ tas-solidarjetà, il-fiduċja reċiproka u l-kondivizzjoni tar-responsabbiltà għall-politiki komuni tal-UE fost l-Istati Membri. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà, fejn l-appoġġ finanzjarju għas-suriet kollha ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti huma essenzjali għat-titjib tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija, id-dwana, il-gwardjani tal-fruntiera u l-awtoritajiet ġudizzjarji.

B'rabta mad-dimensjoni esterna tal-affarijiet interni, l-adozzjoni ta' miżuri u l-kondivizzjoni ta' riżorsi fil-livell tal-UE ser iżid b'mod sinifikanti l-possibbiltà li l-UE tkun tista' tinfluwenza lil pajjiżi terzi biex tikkonvinċihom jimpenjaw ruħhom mal-UE fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet ta' migrazzjoni u sigurtà li, l-ewwel u qabel kollox, huma fl-interess tal-UE u tal-Istati Membri.

Id-dritt tal-UE li taġixxi fil-qasam tal-affarijiet interni jirriżulta mit-Titolu V "Spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja" tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 77(2), 78(2) 79(2) u (4), 82(1), 84 u 87(2) TFUE. Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali hija koperta mill-Artikolu 212(3) TFUE. Il-proposti jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà minħabba li l-maġġoranza tal-finanzjament se tiġi implimentata skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża u r-rispett tal-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri.

1.4.3. *Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

Għalkemm l-istrumenti finanzjarji attwali tal-affarijiet interni huma ġeneralment ikkunsidrati li jiksbu l-oġġettivi u l-funzjoni tagħhom b'mod effettiv, it-tagħlimiet mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu u l-konsultazzjoni tal-parti interessata huma li hemm hteġa li:

- Jiġu ssimplifikati l-istrumenti tal-affarijiet interni futuri billi jitnaqqas in-numru ta' programmi finanzjarji għal tnejn permezz tal-ħolqien ta' Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u Fond għas-Sigurtà

Interna. Dan jippermetti lill-UE sabiex tagħmel użu aktar strateġiku tal-istrumenti tagħha sabiex jirreaġixxu aktar għall-prijoritajiet u l-ħtiġijiet politiċi tal-UE;

- Jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala parteċipant globali, billi jiġi inkluż komponent ta' dimensjoni esterna fil-Fondi futuri sabiex tiġi rinfurzata s-saħħa tal-UE fir-rigward tad-dimensjoni tal-politika esterna tal-politiki tal-affarijiet interni;
- Tingħata preferenza għal ġestjoni diretta fejn ikun possibbli ser ineħħi l-piżijiet burokratiċi mhux meħtieġa;
- Jiġi stabbilit approċċ ta' ġestjoni kondiviża iffukat fuq ir-riżultati, lejn programmar multiannwali bi djalogu dwar il-politika fl-ivell għoli ser tiżgura li l-programmi nazzjonali tal-Istati Membri jkunu allinjati bis-sħiħ tal-għanijiet u l-prijoritajiet ta' politika tal-UE u tiffoka fuq il-ksib ta' rezultati u impatti.
- Tittejjeb il-ġestjoni ċentralizzata sabiex tipprovdi firxa ta' għodod għal attivitajiet immexxija mill-politika, inkluż appoġġ għal azzjonijiet transnazzjonali, b'mod partikolari azzjonijiet innovattivi u azzjonijiet f'pajjiżi terzi u relatati magħhom (id-dimensjoni esterna), kif ukoll azzjonijiet, studji u avvenimenti ta' emerġenza;
- Jiġi stabbilit qafas regolatorju komuni b'sett kondiviż ta' regoli dwar il-programmazzjoni, ir-rappurtar, il-ġestjoni finanzjarja u kontrolli li huwa simili kemm jista' jkun għal dak tal-Fondi l-oħra tal-UE ġestjoni bl-istess mod ta' ġestjoni konġunta sabiex jiġi ġġenerat fehim aħjar tar-regoli mill-partijiet interessati kollha u sabiex jiġi żgurat grad għoli ta' koerenza u konsistenza;
- Jiġi pprovdut rispons mgħaġġel u effettiv fil-każ ta' emerġenzi, li jfassal il-Fondi sabiex l-UE tkun tista' tirreaġixxi b'mod xieraq f'sitwazzjonijiet li qed jevolvu b'rata mgħaġġla;
- Jittejjeb ir-rwol tal-aġenziji tal-affarijiet interni sabiex titrawwem kooperazzjoni Prattika bejn l-Istati Membri u billi jiġu fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi, fil-waqt li jiġi żgurat il-kontroll politiku xieraq fuq l-attivitajiet tal-aġenziji.

Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt u l-memoranda ta' spjegazzjoni ta' kull Regolament.

1.4.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra rilevanti

Numru ta' strumenti oħra tal-UE se jipprovdu appoġġ għal attivitajiet li huma kumplimentari għall-attivitajiet li se jiġu ffinanzjati taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna:

Il-linja diviżorja bejn il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument Finanzjarju tal-Protezzjoni Ċivili se tibqa' kif deskritt fl-Artikolu 3 tal-Programm attwali tas-CIPS: diżastri naturali kif ukoll diżastri mhux intenzjonali ġejjin mill-bniedem huma għall protezzjoni ċivili (inċidenti), filwaqt li diżastri intenzjonali, li ġejjin mill-bniedem huma rilevanti għas-sigurtà u għalhekk jiġu koperti mill-Fond għas-Sigurtà Interna.

Atti terroristiċi jew inċidenti oħra relatati mas-sigurtà se jibqgħu barra mill-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE. L-ambitu preċiż u l-punt safejn l-Artikolu 222 TFUE (il-klawsola tas-solidarjetà) jista' jappoġġja lill-Istati Membri li huma l-oġġett ta' attakk terroristiku jew il-vittima ta' diżastru

naturali jew li ġej mill-bniedem, lanqas ma huwa ċar minħabba li dan jeħtieġ l-adozzjoni formali ta' arranġamenti implimentattivi li għadhom lanqas biss ġew proposti. Possibbiltajiet ta' finanzjament ta' emerġenza fil-każ ta' attakk terroristiku kbir jew inċidenti oħra rilevanti għas-sigurtà se jiġu għalhekk appoġġjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna.

Il-lakuna bejn ir-riċerka tas-sigurtà taħt il-Programm Horizon 2020 u l-applikazzjoni Prattika tar-riżultati ta' din ir-riċerka se tingħalaq minħabba li l-Fond għas-Sigurtà Interna jipprevedi objettivi speċifiċi u azzjonijiet eliġibbli sabiex jiġi permess il-finanzjament tal-ittestjar u l-validazzjoni ta' riżultati ta' riċerka xjentifika ('prototipi') bil-ħsieb tal-applikazzjoni progressiva tagħhom fil-prattika ('akkwist pre-kummerċjali).

Il-Programm dwar il-Ġustizzja futur se jkun marbut mill-viċin u jkun kumplimentari għall-Fond għas-Sigurtà Interna, speċjalment il-komponent tal-ġustizzja kriminali tiegħu iżda huwa aktar iffokat fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-armonizzazzjoni proċedurali u r-rikonoxximent reċiproku li fil-prattika jipprevjeni duplikazzjonijiet sostanzjali.

Il-komponenti tad-dimensjoni esterna tal-Fond għas-Sigurtà Interna se jappoġġjaw azzjonijiet f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom li huma adattati primarjament għal interessi u objettivi tal-UE, għandhom impatt dirett fl-UE u l-Istati Membri tagħha u jiżguraw kontinwità ma' attivitajiet implimentati fit-territorju tal-UE. Dan il-finanzjament se jitfassal u jiġi implimentat f'koerenza mal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-UE. Mhuwiex intenzjonat sabiex jappoġġja azzjonijiet li huma orjentati lejn l-iżvilupp u se jikkumplimenta, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti ta' għajjnuna esterna. F'dan il-kuntest, is-suċċessur għall-Programm Tematiku għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Istrument għall-Istabilità se jkun ta' interess partikolari għall-qasam tal-affarijiet interni. Filwaqt li strumenti ta' għajjnuna esterna jew jappoġġjaw ħtiġijiet tal-iżvilupp ta' pajjiżi benefiċjarji jew jappoġġjaw interessi politiċi ġenerali tal-UE ma' imsieħba strateġiċi, fondi tal-affarijiet interni se jappoġġja azzjonijiet speċifiċi f'pajjiżi terzi fl-interess tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE u l-objettivi tas-sigurtà interna tal-UE. Għalhekk se jimlew lakuna speċifika u se jikkontribwixxu għat-tlestija tas-sett ta' għodod għad-dispożizzjoni tal-UE.

1.5. Tul u impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' tul ta' **żmien limitat**

- Proposta/inizjattiva b'effett mill-01/01/2014 sal-31/12/2020
- Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2023

Proposta/inizjattiva ta' tul ta' **żmien bla limitu**

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-YYYY sal-YYYY,
- Segwita minn operat sħiħ.

1.6. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)³⁴

Ġestjoni ċentralizzata diretta mill-Kummissjoni

Ġestjoni indiretta ċentralizzata bid-delegazzjoni tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– aġenziji eżekuttivi

– korpi stabbiliti mill-Komunitajiet³⁵

– korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b' missjoni ta' servizz pubbliku

– persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*li għandhom jiġu speċifikati*)

Jekk hemm indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti:

Il-proposti se jiġu implimentati prinċipalment permezz tal-ġestjoni kondiviża, ma' programmi nazzjonali multiannwali.

L-oġġettivi li jridu jinkisbu taħt il-programmi nazzjonali se jiġu kkumplimentati minn "azzjonijiet tal-Unjoni" u mekkaniżmu ta' rispons rapidu sabiex jittratta sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Dawn se jieħdu prinċipalment il-forma ta' għotjiet u akkwist taħt ġestjoni ċentralizzata diretta u se jinkludu azzjonijiet f' pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom.

Se jintużaw il-mezzi kollha possibbli sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni billi jiġu kkonċentrati riżorsi fuq il-ksib ta' numru limitat ta' oġġettivi tal-UE u permezz tal-għarfien espert ta' partijiet interessati ewlenin, fejn xieraq, fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' sħubiji u ftehimiet qafas.

Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni se tiġi implimentata minn ġestjoni ċentralizzata diretta.

Il-pajjiżi assoċjati mal-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen se jipparteċipaw ukoll fiż-żewġ strumenti tal-Fond għas-Sigurtà Interna li jikkostitwixxu żvilupp tal-acquis ta' Schengen (l-istrumenti dwar il-fruntieri u l-viża u l-kooperazzjoni tal-pulizija) bħallikieku huma l-Istati Membri, fid-dwal tal-Ftehimijiet ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen. Se jipparteċipaw fl-istrumenti skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, filwaqt illi jimplementaw il-programmi nazzjonali

³⁴ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq il-websajt tal-Baġit: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

³⁵ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

multiannwali tagħhom stess u għandhom il-possibbiltà li japplikaw għal finanzjament taħt l-azzjonijiet tal-Unjoni eċċ. L-istess bħal taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni, se jiġu konklużi arranġamenti speċifiċi sabiex jiġi speċifikaw ir-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tagħhom (regoli li jirriżultaw mir-Regolament Finanzjarju, ir-Regoli Implimentattivi tiegħu u t-Trattati, inkluż is-setgħa tal-verifika tal-Qorti tal-Awdituri). Ladarba dawn l-Istati se jikkontribwixxu għall-baġit tal-UE għaż-żewġ strumenti bi proporzjon mal-PDG tagħhom, l-arranġamenti se jiddeterminaw ukoll il-kontribuzzjonijiet li jridu jiġu rċevuti minn dawn l-Istati bħala parti mill-kondiviżjoni tar-responsabbiltà fuq il-governanza ta' Schengen, u dan irrispettivament mid-daqs tal-allokazzjonijiet tagħhom taħt l-istrumenti. Sal-lum, l-Istati assoċjati huma n-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Għal ġestjoni kondiviża, qafas ta' rappurtar, monitoraġġ u evalwazzjoni koerenti u effiċjenti huwa propost. Għal kull programm nazzjonali, l-Istati Membri se jintalbu li jwaqqfu Kumitat ta' Monitoraġġ li fih tista' tipparteċipa l-Kummissjoni,

Fuq bażi annwali l-Istati Membri se jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-programm multiannwali. Dawn ir-rapporti huma kundizzjoni minn qabel għal pagamenti annwali. Sabiex idaħħlu informazzjoni fil-proċess ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu, se jintalbu fl-2017 li jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-progress li sar fil-kisba tal-oġettivi. Eżerċizzju simili se jitwettaq fl-2019, sabiex jippermetti, fejn xieraq, aġġustamenti matul l-aħħar sena finanzjarja (2020).

Filwaqt illi jappoġġjaw l-iżvilupp ta' kultura bbażata fuq l-evalwazzjoni fil-qasam tal-affarijiet interni, il-Fondi se jkollhom qafas komuni ta' evalwazzjoni u monitoraġġ b'indikaturi wiesgħa relatati mal-politika li jissottolinjaw l-approċċ orjentat lejn ir-riżultati tal-Fondi u r-rwol essenzjali li jista' jkollhom fit-taħlita tal-politika sabiex jiksbu l-oġettiv tal-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dawn l-indikaturi jirrelataw mal-impatt li l-Fondi jista' jkollhom: l-iżvilupp ta' kultura komuni ta' sigurtà fil-fruntieri, kooperazzjoni tal-pulizija u ġestjoni tal-kriżi; ġestjoni effettiva ta' flussi migratorji fl-UE; trattament ġust u ugwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; solidarjetà u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-indirizzar tal-migrazzjoni u kwistjonijiet ta' sigurtà interna u approċċ komuni tal-UE dwar kemm il-migrazzjoni kif ukoll is-sigurtà lejn pajjiżi terzi.

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni adegwata tal-prinċipji dwar l-evalwazzjoni, u filwaqt li wieħed iżomm f' moħħu l-esperjenza Prattika mal-evalwazzjoni fl-Istati Membri taħt il-finanzjament attwali tal-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jaħdmu flimkien sabiex jiżviluppaw il-qafas komuni ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, fost oħrajn billi jiddefinixxu mudelli u indikaturi komuni ta' riżultati.

Il-miżuri kollha se jiġu stabbiliti fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu s-sistemi tagħhom ta' rappurtar u evalwazzjoni fuq il-bażi ta' prinċipji u rekwiżiti maqbula.

Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu żgurati sinerġiji bejn ir-rappurtar u l-evalwazzjoni, l-informazzjoni meħtieġa għal rapporti ta' evalwazzjoni se tibni fuq u tlesti l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali.

Fl-2018, il-Kummissjoni se tissottometti wkoll rapport dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu mwettqa tal-programmi nazzjonali.

B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni se tissottometti rapport intermedjarju dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi sal-31.06.2018 u rapport ta' evalwazzjoni ex-post sat-30.06.2024, li jkopri l-implimentazzjoni sħiħa (jiġifieri mhux biss programmi nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża).

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikati

DĠ HOME ma kienx qed jiffaċċja riskji importanti ta' żbalji fil-programmi ta' nfiq tiegħu. Dan huwa kkonfermat min-nuqqas rikorrenti ta' sejbiet sinifikanti fir-rapporti annwali tal-Qorti tal-Awdituri kif ukoll min-nuqqas ta' rata ta' żbalji residwali 'l fuq minn 2% fis-snin li għadew f'rapporti annwali ta' attività tad-DĠ HOME (u DĠ JLS preċedenti).

F'ġestjoni kondiviża, ir-riskji ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi attwali jaqgħu prinċipalment fi tliet kategoriji:

- Ir-riskju ta' użu immirat ineffiċjenti jew insuffiċjenti ta' fondi;
- Żbalji li jirriżultaw mill-kumplessità ta' regoli u dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll;
- Użu ineffiċjenti ta' riżorsi amministrattivi (proporzjonalità limitata ta' rekwiżiti);

Ta' min isemmi wkoll elementi speċifiċi li jikkonċernaw is-sistema tal-erba' Fondi taħt il-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji".

- Is-sistema ta' programmi annwali tiżgura li l-pagamenti finali jsiru b'mod regolari abbażi ta' nefqa ċertifikata u verifikata. Madanollu, il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-programmi annwali ma jibqax konness mas-sena finanzjarja tal-UE u l-katina tal-assigurazzjoni hija għalhekk mhux sodisfaċenti għal kollox, minkejja sistema qawwija ħafna.
- Jiġu stabbiliti regoli dettaljati ta' eliġibbiltà mill-Kummissjoni. Dan jiżgura fi prinċipju l-omoġeneità tan-nefqa ffinanzjata. Madankollu jgħodq ukoll ammont ta' xogħol mhux meħtieġ għal awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni u jżid ir-riskju ta' żbalji minn benefiċjarji u/jew Stati Membri minħabba fil-miżinterpretazzjonijiet tar-regoli tal-UE.
- Is-sistemi attwali ta' ġestjoni u ta' kontroll huma qrib ħafna għal dawk taħt il-Fondi Strutturali. Madankollu, jippreżentaw differenzi żgħar, notevolment fil-katina ta' responsabbiltajiet bejn awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni u Awtoritajiet ta' Verifika. Dan jgħodq konfużjoni fl-Istati Membri, b'mod partikolari meta l-awtoritajiet ikunu qed jaġixxu fiż-żewġ tipi ta' Fondi. Dan iżid ukoll ir-riskju ta' żbalji u jeħtieġ monitoraġġ aktar intensiv.

Dawn l-elementi se jinbidlu b'mod sinifikanti f'din il-proposta:

- Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll se jsegwu r-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-Fondi tas-CSF u se jikkonformaw bi sħiħ mar-rekwiżiti l-ġodda tar-Regolament Finanzjarju l-Ġdid: it-tliet awtoritajiet se jiġu sostitwiti minn żewġ awtoritajiet (l-Awtorità Responsabbli u l-Awtorità ta' Verifika) li r-rwoli tagħhom huma ċċarati bil-ħsieb li tiġi provduta assigurazzjoni aħjar.
- Programmazzjoni multiannwali kkombinata ma' saldu annwali bbażata fuq il-pagamenti li jsiru mill-Awtorità Responsabbli se tallinja l-perjodi ta' eliġibbiltà mal-kontijiet annwali tal-Kummissjoni, mingħajr ma żżid il-piż amministrattiv meta mqabbel mas-sistema attwali.

- Se jitwettqu kontrolli fuq il-post bħala parti mill-kontrolli tal-ewwel livell, jiġifieri mill-Awtorità Responsabbli u se jappoġġjaw id-dikjarazzjoni annwali ta' ġestjoni ta' assigurazzjoni.
- Il-kjarifika u s-simplifikazzjoni tar-regoli tal-eliġibbiltà kif ukoll l-armonizzazzjoni tagħhom ma' strumenti finanzjarji oħra ta' appoġġ tal-UE se jnaqqsu l-iżbalji magħmula minn benefiċjarji li jużaw l-assistenza minn sorsi differenti. Dawn ir-regoli tal-eliġibbiltà se jġu stabbiliti f'livell nazzjonali, ħlief għal xi prinċipji bażiċi, simili għal dawk użati għall-Fondi tas-CSF.
- L-użu ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati huwa inkoraġġit, speċjalment għal għotjiet zġhar.

F'ġestjoni ċentralizzata, ir-riskji ewlenin huma dawn li ġejjin:

- Riskju ta' korrispondenza dgħajfa bejn il-proġetti rċevuti u l-prijoritajiet politiċi tad-DĠ HOME;
- Ir-riskju ta' kwalità dgħajfa tal-proġetti magħżula u implimentazzjoni teknika dgħajfa tal-proġett, li jnaqqas l-impatt tal-programmi; minħabba proċeduri tal-għażla mhux xierqa, nuqqas ta' kompetenzi jew monitoraġġ insuffiċjenti;
- Ir-riskju ta' użu ineffiċjenti jew mhux ekonomiku tal-fondi mogħtija, kemm għall-għotjiet (il-kumplessità tar-rimborż tal-ispejjeż eliġibbli attwali flimkien mal-possibbiltajiet limitati biex jġu kontrollati l-ispejjeż eliġibbli mill-uffiċċju) kif ukoll għall-akkwist (kultant numru limitat ta' fornituri ekonomiċi bl-għarfien speċjalizzat meħtieġ li jinvolvi possibbiltajiet insuffiċjenti għall-ipparagunar tal-offerti tal-prezzijiet);
- Ir-riskju prinċipali ser ikun relatat mal-kapaċità ta' (speċjalment) organizzazzjonijiet iżgħar sabiex jikkontrollaw b'mod effettiv in-nefqa kif ukoll biex jiżguraw it-trasparenza tal-operazzjonijiet imwettqa.
- Ir-riskju reputazzjonali għall-Kummissjoni, jekk jġu skoperti attivitajiet ta' frodi jew kriminali; tista' tittieħed biss assigurazzjoni parzjali mis-sistemi ta' kontroll intern tal-partijiet terzi minħabba n-numru pjuttost kbir ta' kuntratturi u benefiċjarji eteroġeni, kull wieħed jopera s-sistema ta' kontroll proprja, ħafna drabi pjuttost zġhar fid-daqs.

Il-maġġoranza ta' dawn ir-riskji huma mistennija li jitnaqqsu bis-saħħa ta' mmirar aħjar ta' proposti u l-użu ta' elementi simplifikati inklużi fir-reviżjoni l-għdida tar-Regolament Finanzjarju.

2.2.2. *Metodu/i ta' kontroll previsti*

Ġestjoni maqsuma:

Fil-livell tal-Istat Membru, l-arkitettura proposta tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tirrappreżenta evoluzzjoni tal-pjan fis-seħħ bejn l-2007 u l-2013 u tippriserva ħafna mill-funzjonijiet li saru fil-perjodu attwali inklużi verifiki amministrattivi u fuq il-post, awditjar tas-sistemi ta' kontroll u ta' ġestjoni u awditjar tal-operazzjonijiet. Is-sekwenza ta' dawn il-funzjonijiet hija madankollu mibdula sabiex tirrendi l-kontrolli fuq il-post responsabbiltà ċara tal-Awtorità Responsabbli bħala riżultat tal-preparazzjoni għall-eżerċizzju tas-saldu annwali tal-kontijiet.

Sabiex tirrinforza l-kontabilità, l-Awtoritajiet Responsabbli se jġu akkreditati minn korp nazzjonali tal-akkredizzjoni li hu responsabbli mis-superviżjoni kontinwa tagħhom. It-tnaqqis fin-numru ta'

awtoritajiet - mhux aktar Awtorità ta' Ċertifikazzjoni u t-tnaqqis fin-numru tal-Fondi - huwa mistenni li jnaqqas il-piż amministrattiv u jsaħħaħ il-possibbiltà għall-bini ta' kapaċità amministrattiva aktar qawwija, iżda jippermetti wkoll diviżjoni aktar ċara tar-responsabilitajiet.

Sal-lum ma hija disponibbli l-ebda stima affidabbli fir-rigward tal-ispiża tal-kontrolli tal-Fondi tal-ġestjoni kondiviża fil-qasam tal-Affarijiet Interni. L-unika stima disponibbli hija relatata mal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni fejn l-ispejjeż tal-kompiti relatati ma' kontrolli (fuq livell nazzjonali u esklużi l-ispejjeż tal-Kummissjoni) huma stmati madwar 2% tat-total ta' finanzjament amministrat fil-perjodu 2007-2013. Dawn l-ispejjeż huma marbuta mal-oqsma ta' kontroll li ġejjin: 1% ġejjin minn koordinazzjoni nazzjonali u tnejn tal-programm, 82% huma marbuta mal-ġestjoni tal-programm, 4% maċ-ċertifikazzjoni u 13% mal-awditjar.

Il-proposti li ġejjin se jżidu l-ispejjeż ta' kontroll:

- il-ħolqien u l-funzjonament ta' korp ta' akkreditazzjoni u b'mod ġenerali l-bidla fis-sistema;
- is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkompanja l-kontijiet annwali;
- l-kontrolli fuq il-post li jridu jsiru mill-Awtorità Responsabbli;
- il-ħtieġa għal attività addizzjonali ta' verifika mill-Awtoritajiet tal-Verifika biex jivverifikaw id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

Madankollu hemm ukoll proposti li se jnaqqsu l-ispejjeż ta' kontroll:

- L-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni mhijiex se tibqa' teżisti. Għalkemm il-funzjonijiet tagħhom se jiġu trasferiti parzjalment lill-Awtorità Responsabbli, dan se jippermetti li l-Istat Membru jiffranka parti sostanzjali tal-ispejjeż relatati maċ-ċertifikazzjoni minħabba l-effiċjenza amministrattiva aħjar, ħtieġa mnaqqsa għal koordinazzjoni u tnaqqis tal-ambitu tal-verifiki;
- Il-kontrolli li jridu jitwettqu mill-Awtorità ta' Verifika se jiġu orjentati aktar lejn it-tweqqif mill-ġdid (kampjun ta') ta' kontrolli amministrattivi u fuq il-post tal-ewwel livell imwettqa mill-Awtorità Responsabbli. Dan se jħaffef il-proċedura kontradittorja u jiżgura li l-kontrolli kollha meħtieġa jitwettqu qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet annwali;
- L-użu tal-ispejjeż simplifikati li jnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi fil-livelli kollha, kemm għall-amministrazzjonijiet kif ukoll għall-benefiċjarji;
- Għeluq annwali, u l-limitazzjoni tal-perjodu għas-saldu ta' konformità sa 36 xahar se jnaqqas il-perjodu ta' żamma tad-dokumenti għal finijiet ta' kontroll għal amministrazzjonijiet u benefiċjarji pubbliċi;
- It-twaqqif ta' flussi ta' komunikazzjoni elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jkun obbligarorju.

Ma' dawn għandhom jiżiedu l-elementi ta' simplifikazzjoni elenkati taħt §2.2.1 hawn fuq li se jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis ta' piż amministrattiv għal benefiċjarji u għaldaqstant jirrappreżentaw tnaqqis simultanju ta' riskji ta' żball u ta' piż amministrattiv.

Għalhekk, b'mod ġenerali huwa mistenni li dawn il-proposti se jwasslu għal distribuzzjoni mill-ġdid ta' spejjeż ta' kontroll aktar milli żieda jew tnaqqis. Madankollu huwa antiċipat li din id-distribuzzjoni mill-ġdid tal-ispejjeż (bejn il-funzjonijiet u minħabba l-arranġamenti proporzjonati ta' kontroll, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-programmi) se tippermetti mitigazzjoni aktar effettiva tar-riskji u għaldaqstant se twassal aktar malajr għall-katina ta' assigurazzjoni.

Fil-livell tal-Kummissjoni, l-ispiża ta' ġestjoni u kontrolli għal ġestjoni kondiviża mhijiex mistennija li tonqos fl-ewwel nofs tal-perjodu ta' programmazzjoni. Dan huwa l-ewwelnett il-każ minħabba li l-ammont u l-oqsma tal-politika kkonċernati minn ġestjoni kondiviża se jespandu meta mqabbel mal-perjodu attwali. Għalhekk iż-żamma tal-istess riżorsi diġà se jeħtieġu kisbiet fl-effiċjenza. Barra minn hekk, l-ewwel snin se jiġu kkaratterizzati mill-għaqda ta' ħafna kompiti importanti li jridu jitwettqu: għeluq ta' programmi 2007-2013 (l-aħħar rapporti tal-għeluq dovuti sal-31 ta' Marzju 2016), djalogi dwar il-politika u l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali multiannwali 2014-2020, it-twaqqif ta' sistema ġdida ta' saldu tal-kontijiet. Fit-tieni nofs tal-perjodu, ir-riżorsi potenzjali disponibbli se jintużaw sabiex itejbu l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ.

Il-Ġestjoni Ċentralizzata

Fir-rigward ta' ġestjoni ċentralizzata, il-Kummissjoni se tkompli tapplika s-sistema ta' kontroll attwali tagħha li hija magħmula mill-komponenti li ġejjin: is-sorveljanza ta' operazzjonijiet mid-direttorati operattivi, il-kontroll ex-ante mill-Unit tal-Baġit u l-Kontroll, il-Kumitat tal-Akkwist Intern (JPS/HPC), il-kontrolli ex-post għal għotjiet jew il-verifiki mill-Kapaċità tal-Verifika Interna u/jew is-Servizz tal-Verifika Interna. Is-settur ta' kontroll ex-post japplika "strateġija ta' skoperta" immirata lejn l-iskoperta ta' massimu ta' anomaliji bil-ħsieb li jiġu rkuprati pagamenti mhux dovuti. Abbażi ta' din l-istrateġija, il-verifiki jitwettqu fuq kampjun ta' proġetti magħżula kważi għal kollox fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

Permezz tal-kombinazzjoni ta' għotjiet u akkwist, kontroll ex-ante u ex-post kif ukoll verifiki mill-uffiċju u verifiki fuq il-post, fl-aħħar tliet snin il-medja tar-rata ta' żball residwu kwantifikabbli kienet aktar baxxa minn 2 %. Għalhekk, is-sistema ta' kontroll intern kif ukoll l-ispiża tagħha titqies adegwata f'DĠ HOME sabiex jinkiseb l-oġettiv ta' rata baxxa tal-iżbalji.

F'dan il-qafas, DG HOME jkompli jesplora l-possibiltajiet li jtejjeb il-ġestjoni u jżid is-simplifikazzjoni. B'mod partikolari, l-opzjonijiet kollha ssimplifikati li jsiru disponibbli fir-Regolament Finanzjarju l-ġdid se jintużaw kemm jista' jkun minħabba li huwa mistenni li se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal benefiċjarji u għaldaqstant jirrappreżenta tnaqqis simultanju ta' riskji tal-iżbalji u tal-piż amministrattiv għall-Kummissjoni.

Linji ta' żvilupp ġodda

Il-proposti jipprevedu linji ta' żvilupp ġodda għall-finanzjament tal-UE fil-qasam tal-affarijiet interni, eż. użu aħjar tal-għarfien espert li jeżisti fl-aġenziji tal-UE, l-iżvilupp tad-dimensjoni esterna u t-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' emerġenza.

Dawn se jeħtieġu metodi ġodda ta' ġestjoni u ta' kontroll għad-DĠ Home.

L-ammonti li se jiġu ddedikati għal dawn il-linji ta' żvilupp ġodda għadhom ma ġewx iffissati, iżda mhux probabbli li jkunu sinifikanti meta mqabbla mal-baġit globali tal-affarijiet interni. Madankollu, ikun importanti ħafna li jitwaqqfu l-mezzi interni u l-arranġamenti tax-xogħol sabiex jiġu implimentati dawn il-kompiti l-ġodda kmieni kemm jista' jkun fi ħdan il-perjodu, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

L-analiżi hawn fuq turi biċ-ċar li, minkejja s-simplifikazzjonijiet kollha introdotti, il-livell ta' riżorsi umani meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-baġit miżjud ta' DG HOME se jkollu jiġi rinfurzat. Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti permezz tal-persunal mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie allokat mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limiti tal-baġit eżistenti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Flimkien mal-applikazzjoni tal-mekkaniżmi regolatorji kollha ta' kontroll, DĠ HOME se jfassal strateġija kontra l-frodi f'konformità mal-istrateġija l-ġdida kontra l-frodi tal-Kummissjoni (CAFS) adottata fl-24 ta' Ġunju 2011 sabiex jiġi żgurat inter alia li l-kontrolli relatati interni kontra l-frodi huma allinjati għal kollox mal-CAFS u li l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju tal-frodi huwa adattat sabiex jidentifika oqsma tar-riskju tal-frodi u tweġibiet adegwati. Fejn meħtieġ, se jitwaqqfu gruppi ta' networking u għodod adegwati tal-IT iddedikati għall-analiżi ta' każijiet tal-frodi relatati mal-Fondi.

Fir-rigward tal-ġestjoni kondiviża, il-CAFS tidentifika biċ-ċar il-ħtieġa li l-proposti tal-Kummissjoni għar-regolamenti tal-2014-2020 jitolbu lill-Istati Membri sabiex idaħħlu fis-seħħ miżuri tal-prevenzjoni tal-frodi li huma effettivi u proporzjonati għar-riskji tal-frodi identifikati. Il-proposta attwali tinkludi f'Artikolu 5 ħtieġa ċara mill-Istati Membri sabiex jiġu preklużi, skoperti u kkoreġuti irregolaritajiet u sabiex jiġi rrapportat lill-Kummissjoni. Aktar dettalji fir-rigward ta' dawn l-obbligi se jkunu parti mir-regoli dettaljati dwar il-funzjonijiet tal-Awtorità Responsabbli kif previst fl-Artikolu 24(5)(c).

Barra minn hekk, l-użu mill-ġdid ta' fondi li jiġu minn korrezzjoni finanzjarja bbażata fuq kummissjoni jew sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri ġiet indikata b'mod ċar fl-Artikolu 41.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u intestatura/i tal-baġit tal-infiq affettwati

- Intestatura tal-baġit tal-ispiża eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' Tip ta' nfiq	Kontribuzzjoni			
	Għadd	Diff. ⁽³⁶⁾	mill-pajjiżi tal-EFTA ³⁷	minn pajjiżi kandidati ³⁸	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
3		Differenzjata	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitlubin

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' Tip ta' nfiq	Kontribuzzjoni			
	Għadd Intestatura 3	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
3	18 01 04 bb - Il-Fond ta' Sigurtà Interna – Pulizija u Kriminalità - Għajnuna teknika	Mhux Diff.	LE	LE	IVA	LE
3	18 02 bb - Il-Fond ta' Sigurtà Interna - Pulizija u Kriminalità	Differenzjata	LE	LE	IVA	LE
3	18 01 04 cc - Il-Fond ta' Sigurtà Interna – Fruntieri u Viżi - Għajnuna teknika	Mhux Diff.	LE	LE	IVA	LE
3	18 02 cc - Il-Fond ta' Sigurtà Interna - Fruntieri u Viżi	Differenzjata	LE	LE	IVA	LE

³⁶ Diff.- Approprijazzjonijiet differenzjati/Non-Diff.- Approprijazzjonijiet mhux differenzjati

³⁷ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles .

³⁸ Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

Kontribuzzjonijiet minn Pajjiżi terzi jikkonċernaw iż-żewġ komponenti tal-Fond għas-Sigurtà Interna.

Il-kriterji u l-metodu sabiex jiġu kkalkolati dawn il-kontribuzzjonijiet iridu jiġu nneozjati bejn l-UE u l-Istati Assoċjati fuq il-bażi ta' proċedura separata.

Filwaqt li jitqiesu persentaġġi simili għal dawk attwalment użati taħt l-EBF, l-Istati Assoċjati se jintalbu li jikkontribwixxu b'madwar EUR 210 miljun għall-komponent tal-Fruntieri u l-Viża u b'madwar EUR 50 miljun għall-komponent tal-kooperazzjoni tal-Pulizija.

3.2. Stima tal-impatt fuq l-infiq

3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq l-infiq

Miljuni f'EUR (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	Numru 3	Sigurtà u Ċittadinanza
--	----------------	------------------------

DĠ HOME			2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Wara l-2020	IT-TOTAL
• Appropjazzjonijiet operattivi (prezzijiet attwali)											
18 02 bb Fond ta' Sigurtà Interna – Pulizija u Kriminalità	Impenji	(1a)	135.076	143.047	151.283	159.791	168.578	177.653	187.022		1,122.450
	Pagamenti	(2a)	15.714	43.881	71.419	111.709	147.854	156.248	164.918	410.707	1,122.450
18 02 cc Fond ta' Sigurtà Interna - Fruntieri u Viżi	Impenji	(1a)	422.310	447.186	472.886	499.435	526.856	555.173	584.412	-	3,508.258
	Pagamenti	(2a)	59.999	120.794	223.204	350.813	461.098	487.256	514.275	1,290.818	3,508.258
Appropjazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi³⁹											
18 01 04 bb Fond ta' Sigurtà Interna – Pulizija u Kriminalità			0.800	0.800	0.800	0.800	0.800	0.800	0.800		5.600
18 01 04 cc Fond ta' Sigurtà Interna - Fruntieri u Viżi			1.700	1.700	1.700	1.700	1.700	1.700	1.700		11.900

³⁹ Għajjuna u nfiq tekniku u/jew amministrattiv għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (intestaturi "BA" ta' qabel), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Approprijazzjonijiet TOTALI għal DĠ HOME	Impenji	=1+1a +3	559,886	592,733	626,669	661,726	697,934	735,326	773,934		4.648,208
	Pagamenti	=2+2a +3	78,213	167,174	297,123	465,023	611,452	646,004	681,693	1.701,525	4.648,208

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	" Infiq amministrattiv "
--	----------	---------------------------------

Miljuni f'EUR (sa tliet punti deċimali)

Billi hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond ta' Ażil u Migrazzjoni u l-Fond ta' Sigurtà Interna bħad-djalogu ta' politika ma' kull Stat Membru u minħabba li l-organizzazzjoni interna tad-DG HOME għall-iżgurar tal-ġestjoni tal-Fondi l-ġodda (kif ukoll l-egħluq tal-programmi li bħalissa qed jieħu ħsieb) tista' tevolvi, mhuwiex possibbli li l-infiq Amministrattiv jinqasam bejn il-Fond ta' Ażil u Migrazzjoni u l-Fond ta' Sigurtà Interna.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 t'hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa neċessarja għall-iżgurar ta' ġestjoni taż-żewġ Fondi mid-DG u m'hemmx total ta' approprjazzjonijiet.

Miljuni f'EUR (sa tliet punti deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Wara l-2020	IT-TOTAL
DĠ: HOME										
• Riżorsi umani		20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841		145.887
• Spiża amministrattiva oħra		0,156	0,159	0,162	0,165	0,168	0,172	0,175		1,157
TOTAL DG HOME	Approprjazzjonijiet	20.997	21.000	21.003	21.006	21.009	21.013	21.016		147.044

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Total tal-impenji = Pagamenti totali)	20.997	21.000	21.003	21.006	21.009	21.013	21.016		147.044
---	--	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	--	----------------

Miljuni f'EUR (sa tliet punti deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020		IT-TOTAL
Approprijazzjonijiet TOTALI taħt INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	
	Pagamenti									

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi

– Il-proposta/inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi

– Il-proposta tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn isfel:

Il-politika tal-Affarijiet Interni hija implimentata prinċipalment minn ġestjoni kondiviża. Filwaqt li l-prijoritajiet strateġiċi huma mfasla fuq il-livell tal-UE, il-ġestjoni attwali ta' kuljum hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet ta' ġestjoni fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Indikaturi u miri ta' riżultati komuni se jiġu deċiżi flimkien mill-Kummissjoni u l-Awtoritajiet Responsabbli bħala parti mill-programmi nazzjonali tagħhom, u approvati mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa diffiċli li jiġu indikati l-miri għar-riżultati sakemm il-programmi jiġu abbozzati, negoziati u jsir qbil dwarhom fl-2013/14.

Fir-rigward tal-ġestjoni ċentralizzata, lanqas ma huwa possibbli għad-DĠ HOME li jipprovdi lista eżawrjenti tar-riżultati kollha li jridu jitwasslu permezz tal-intervent finanzjarju taħt il-Fondi, l-ispejjeż medji u n-numri tagħhom, kif mitlub minn din it-taqsim. Fil-mument ma hemm l-ebda għodda statistika li tippermetti l-kalkolu ta' spejjeż medji sinifikanti fuq il-bażi tal-programmi attwali, u din id-definizzjoni preċiża tkun kontra l-prinċipju li l-programm futur għandu jipprovdi biżżejjed flessibbiltà sabiex ikun adattat għal prijoritajiet politiċi bejn l-2014-2020. Dan huwa partikolarment veru għal assistenza ta' emerġenza u azzjonijiet f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom.

Appropriazzjonijiet għall-impenji f' miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Indika l-objettivi u r-riżultati			Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	daħħal is-snin kollha kif ikun mehtiegħ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)										IT-TOTAL	
	OUTPUTS																	
	↓	Tip ta' output ⁴⁰	Kost medju tal-output	Għadd ta' output	Spiża	Għadd ta' output	Spiża	Għadd ta' output	Spiża	Għadd ta' output	Spiża	Għadd ta' output	Spiża	Għadd ta' output	Spiża	Għadd ta' output	Spiża	Numru totali ta' riżultati
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁴¹																		
Eżitu																		
Eżitu																		

⁴⁰ L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż: in-numru ta' skambji għal studenti ffinanzjati, in-numri ta' km ta' toroq mibnija, eċċ).

⁴¹ Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "L-objettiv(i) speċifiku/ċi..."

Eżitu																		
Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2...																		
Eżitu																		
Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 2																		
NEFQA TOTALI																		

3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn isfel:

Billi hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond ta' Ażil u Migrazzjoni u l-Fond ta' Sigurtà Interna bħad-djalogu ta' politika ma' kull Stat Membru u minħabba li l-organizzazzjoni interna tad-DG HOME għall-iżgurar tal-ġestjoni tal-Fondi l-ġodda (kif ukoll l-eġhluq tal-programmi li bħalissa qed jieħu ħsieb) tista' tevolvi, mhuwiex possibbli li l-infiq Amministrattiv jinqasam bejn il-Fond ta' Ażil u Migrazzjoni u l-Fond ta' Sigurtà Interna.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 t'hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa neċessarja għall-iżgurar ta' ġestjoni taż-żewġ Fondi mid-DĠ u m'hemmx total ta' appropriazzjonijiet.

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali) **HOME**

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali⁴²	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	IT-TOTAL
Riżorsi umani HOME	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	145,887
Spjża amministrattiva oħra	0,156	0,159	0,162	0,165	0,168	0,172	0,175	1,157
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	20.997	21.000	21.003	21.006	21.009	21.013	21.016	147.044

Barra mill-INTESTATURA 5⁴³ tal-qafas finanzjarju multiannwali⁴⁴	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	IT-TOTAL
Riżorsi umani HOME	0.640	0.640	0.640	0.640	0.640	0.640	0.640	4.480
Riżorsi umani Infiq amministrattiv ieħor	1.860	1.860	1.860	1.860	1.860	1.860	1.860	13.020
Subtotal tar-riżorsi li jaqgħu barra l-	2.500	2.500	2.500	2.500	2.500	2.500	2.500	17.500

⁴² Pakkett globali, ibbażat fuq l-Allokazzjoni Finali għal Riżorsi Umani tal-2011, inkluż uffiċjali u persunal estern

⁴³ Għajjuna u nfiq tekniku u/jew amministrattiv għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (intestaturi "BA" ta' qabel), riċerka indiretta, riċerka diretta.

⁴⁴ Persunal estern iffinanzjat mill-eks linji BA, abbażi tal-Allokazzjoni Finali tar-Riżorsi Umani tal-2011, inkluż il-persunal estern fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet.

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali								
---	--	--	--	--	--	--	--	--

IT-TOTAL	Mhux applikab bli	Mhux applikab bli	Mhux applikab bli	Mhux applikab bli	Mhux applikab bli	Mhux applikab bli	Mhux applikab bli	Mhux applikab bli
-----------------	----------------------------------	----------------------------------	----------------------------------	----------------------------------	----------------------------------	----------------------------------	----------------------------------	----------------------------------

3.2.3.2. Stima tal-ħtiġijiet ta' riżorsi umani

- Il-proposta/inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:
Iċ-ċifri użati għas-sena n huma daww għall-2011.

Billi hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond ta' Ażil u Migrazzjoni u l-Fond ta' Sigurtà Interna bħad-djalogu ta' politika ma' kull Stat Membru u minħabba li l-organizzazzjoni interna tad-DG HOME għall-iżgurar tal-ġestjoni tal-Fondi l-ġodda (kif ukoll l-eġluq tal-programmi li bħalissa qed jieħu ħsieb) tista' tevolvi, mhuwiex possibbli li l-infiq Amministrattiv jinqasam bejn il-Fond ta' Ażil u Migrazzjoni u l-Fond ta' Sigurtà Interna.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 t'hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa neċessarja għall-iżgurar ta' ġestjoni taż-żewġ Fondi mid-DG u m'hemmx total ta' approprjazzjonijiet.

Il-valutazzjoni għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Sena N+4	Sena N+5	Sena N+6
• Stabbiliment ta' postijiet tal-ippjanar (uffiċjali u aġenti temporanji) HOME							
18 01 01 01 (Kwartieri u Uffiċċji tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni)	136	136	136	136	136	136	136
XX 01 01 02 (fid-delegazzjonijiet)	15	15	15	15	15	15	15
18 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (għar-riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)⁴⁵							
18 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")	16	16	16	16	16	16	16
XX 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)	10	10	10	10	10	10	10
18 01 04 bb⁴⁶							
- fil-Kwartieri ġenerali ⁴⁷	4	4	4	4	4	4	4
- f'delegazzjonijiet	*	*	*	*	*	*	*
18 01							
- fil-Kwartieri ġenerali ⁴⁹	6	6	6	6	6	6	6
-	*	*	*	*	*	*	*

⁴⁵ CA= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Ssekondat;

⁴⁶ Taħt il-limitu massimu għal persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (li qabel kienu linji "BA").

⁴⁷ Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

04 cc ⁴⁸	f' delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Ricerca indiretta)								
10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Ricerca diretta)								
13 01 04 02 oħra)								
IT-TOTAL		Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

XX huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti permezz tal-persunal mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie allokat mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limiti tal-baġit eżistenti. Ammonti u imputazzjonijiet jiġu aġġustati fl-eventwalità ta' kwalunkwe proċess ta' esternalizzazzjoni f'Aġenzija Eżekuttiva.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji fil-kwartieri ġenerali	<p>Il-kompiti li jridu jitwettqu jinkludu l-kompiti kollha meħtieġa għall-ġestjoni ta' programm finanzjarju, bħal:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-provista ta' input għall-proċedura tal-baġit; it-twettiq tad-djalogu dwar il-baġit ma' Stati Membri; - it-tnejn ta' programmi annwali ta' xogħol/deċiżjonijiet ta' finanzjament, l-istabilizzazzjoni ta' prijoritajiet annwali, l-approvazzjoni ta' programmi nazzjonali; - il-ġestjoni ta' programmi nazzjonali, sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti u l-proċeduri ta' selezzjoni sussegwenti; - il-komunikazzjoni ma' partijiet interessati (benefiċjarji potenzjali/attwali, l-Istati Membri, eċċ); - l-abbozzar ta' linji gwida lill-Istati Membri - il-ġestjoni ta' proġetti, b'mod operattiv u finanzjarju; - it-twettiq ta' kontrolli, kif deskritt hawn fuq (verifika ex ante, kumitat ta' akkwist, verifika ex post, verifika interna, saldu ta' kontijiet); - kontabilità; - l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' għodod tal-IT tal-ġestjoni tal-għotja u l-programm nazzjonali; - il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar kisbiet tal-obiettivi, inkluż fir-Rapport Annwali ta' Attività u fir-rapport tal-Uffiċjal Awtorizzanti b'Sottodelega
Personal estern	Il-kompiti huma simili għal dawk ta' uffiċjali u aġenti temporanji, ħliet għal kompiti li ma jistgħux jitwettqu minn persunal estern
Persunal f' delegazzjonijiet	Biex jakkumpanja l-iżvilupp ta' implimentazzjoni ta' politika fil-qasam tal-affarijiet interni, u b'mod partikolari fid-dimensjonijiet esterni tiegħu, id-delegazzjonijiet tal-UE

⁴⁸ Taħt il-limitu massimu għal persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (li qabel kienu linji "BA").

⁴⁹ Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

	se jeh̄tiegu jkunu mgħammra b'esperjenza suffiċjenti fl-affarijiet interni. Dan jista' jkun persunal mill-Kummissjoni Ewropea u/jew mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.
--	--

3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti*

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali **li jmiss**.
- Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi r-riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega x'tip ta' pprogrammar mill-ġdid huwa meħtieġ u speċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali⁵⁰.

Spjega x'inhu meħtieġ u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi għal kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta tistipula li l-iffinanzjar Ewropew irid jiġi kofinanzjat. L-ammont eżatt ma jistax jiġi kwantifikat. Ir-regolament jistabbilixxi rati massimi ta' kofinanzjament differenzjali f'konformità mat-tipi ta' azzjonijiet:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total
Speċifika l-korp tal-kofinanzjament	SM	SM	SM	SM	SM	SM	SM	
TOTAL approprjazzjonijiet kofinanzjati	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	

⁵⁰ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

- Proposta/inizjattiva m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq riżorsi proprji
 - fuq dħul mixxellanju

Miljuni f'EUR (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjon ijiet disponibbli għas-sena tal-baġit li għaddejja	Impatt tal-proposta/inizjattiva ⁵¹					... daħħal kemm ikunu meħtieġa kolonni biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3				
Artikolu									

Għal dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-intestatura(i) tan-nefqa tal-baġit affettwata(i).

Speċifika l-metodu kif qed jiġi kkalkulat l-impatt fuq id-dħul.

⁵¹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (imposti tad-dwana, dazji taz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, i.e. ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25% għal spejjeż tal-ġbir.